Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0278(COD)

27.1.2022

EMENDI
445 - 807

Abbozz ta' rapport
Birgit Sippel
(PE700.425v01-00)

L-introduzzjoni ta' skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fuq il-fruntieri esterni u l-emenda tar-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817

Proposta għal regolament
(COM(2020)0612 – C9-0307/2020 – 2020/0278(COD))

Emenda 445
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3,*** l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet ***li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***.	1. L-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet ***xierqa identifikati mill-Istat Membru***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istat Membru għandu jkun dak li jiddeċiedi fejn se jsir l-iskrinjar. Din il-flessibbiltà hija meħtieġa minħabba l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi differenti tal-Istat Membru.

Emenda 446
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3,*** l-iskrinjar għandu jitwettaq ***f'postijiet li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***.	1. L-iskrinjar għandu jitwettaq ***fil-fora xierqa identifikati mill-Istati Membri***.

Or. it

Emenda 447
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu***	1. ***L-iskrinjar għandu jitwettaq***

3, l-iskrinjar ***għandu jitwettaq f'postijiet li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***.

f'faċilitajiet adegwati u uffiċjali fit-territorju tal-Istati Membri fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollhom aċċess għal servizzi xierqa, inklużi pariri legali, għajnuna legali mingħajr ħlas u assistenza lingwistika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li organizzazzjonijiet internazzjonali, mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili speċjalizzati u persuni li jipprovdu pariri u konsulenza għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-faċilitajiet u l-postijiet fejn isir l-iskrinjar***, b'mod partikolari għal dawk miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, inklużi ż-żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni***.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jirrisjedu f'post speċifiku iżda dan ma għandux jirriżulta fid-detenzjoni tagħhom, b'mod partikolari meta dawn ikunu tfal mhux akkumpanjati jew tfal f'familji jew persuni f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà.

Matul l-iskrinjar, id-detenzjoni trid tkun miżura tal-aħħar istanza u trid tkun neċessarja, raġonevoli u proporzjonata għal għan leġittimu.Jekk ikun hemm raġunijiet biex persuna tiġi mċaħħda mil-libertà tagħha, l-ewwel għandhom dejjem jitqiesu l-alternattivi għad-detenzjoni.

L-Istati Membri għandhom jużaw biss id-detenzjoni b'soġġett għad-dritt tal-UE u dak nazzjonali, fuq bażi individwali, b'segwitu għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva bil-miktub u bħala miżura tal-aħħar istanza u, meta jużawha, għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ikunu konformi mad-Direttiva 2013/33/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza].L-ordni ta' detenzjoni għandha tiġi tradotta f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun jista' jifhem.

Meta jkun meħtieġ u abbażi ta' valutazzjoni individwali, l-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni persuna li

tkun qed tiġi skrinjata li tkun applikat għal protezzjoni internazzjonali, jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv miżuri alternattivi oħra inqas koerċittivi biss għar-raġunijiet indikati fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza].

Meta jkun meħtieġ u abbażi ta' valutazzjoni individwali, l-Istati Membri jistgħu jżommu f'detenzjoni persuna li tkun qed tiġi skrinjata li ma tkunx applikat għal protezzjoni internazzjonali, jekk ma jkunux jistgħu jiġu applikati miżuri alternattivi oħra inqas koerċittivi.Il-persuna għandu jkollha aċċess għal proċedura ta' appell effettiva u għal parir legali.Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw id-deċiżjoni ta' detenzjoni u l-appell għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2013/33/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115/KE [id-Direttiva dwar ir-Ritorn].

Minorenni u individwi oħra f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà qatt ma għandhom jiġu detenuti.

Or. en

Emenda 448
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar*** għandu ***jitwettaq f'postijiet li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***.	1. ***L-iskrinjar għandu jitwettaq f'faċilitajiet uffiċjali adegwati li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Istat Membru u li jipprovdu aċċess għal servizzi xierqa, inkluża assistenza legali u lingwistika. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar*** għandu ***jkollhom aċċess għal proċedura ta' appell, parir legali u***

għajnuna legali mingħajr ħlas. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li organizzazzjonijiet internazzjonali, mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili speċjalizzati u persuni li jipprovdu pariri u konsulenza għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-faċilitajiet u l-postijiet fejn isir l-iskrinjar, b'mod partikolari għal dawk miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, inklużi ż-żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 449
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet ***li*** jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom.	1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet ***fit-territorju tal-Istat Membru, inklużi dawk li jkunu*** jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom***, dment li d-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 5, 6, 6a, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 16, 17, 18, 20, 21, 22, 23, 24, tad-Direttiva XXX/XXX/UE [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] jkunu jistgħu jiġu applikati f'dawn il-postijiet. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil bżonnijiet proċedurali u ta' akkoljenza speċifiċi, f'konformità mal-Artikolu 20 ta' dik id-direttiva. Il-faċilitajiet użati għall-finijiet ta' skrinjar għandhom jiġu ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi l-kostruzzjoni, l-operat u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet attwali u futuri***.

Or. en

Emenda 450
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom.	1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq f'postijiet li jinsabu fil-fruntieri esterni jew qrib tagħhom. ***Madankollu, fi kwalunkwe każ, il-persuni taħt il-proċedura ta' skrinjar ma għandhomx jitqiesu li jkunu fit-territorju ta' Stat Membru.***

Or. en

Emenda 451
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-persuni għandhom jiġu akkomodati skont l-istandards u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) xxxx/xxxx [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza]. Matul l-iskrinjar, id-detenzjoni trid tkun miżura tal-aħħar istanza, trid tkun qasira kemm jista' jkun u trid tkun neċessarja, raġonevoli u proporzjonata għal għan leġittimu. Jekk ikun hemm raġunijiet biex persuna tiġi mċaħħda mil-libertà tagħha, l-ewwel għandhom dejjem jitqiesu l-alternattivi għad-detenzjoni. Id-detenzjoni għandha tkun ibbażata fuq ordni ta' detenzjoni, tradotta lill-persuna f'lingwa li l-persuna tkun tista' tifhem. Il-minorenni u individwi oħra f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà qatt ma għandhom jiġu

detenuti.

Or. en

Emenda 452
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u minbarra r-rappreżentanti tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti previst fl-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet u l-persuni li jipprovdu pariri u konsulenza, inkluża l-għajnuna legali mingħajr ħlas, għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari għal dawk miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, inklużi ż-żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 453
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandhomx ikunu soġġetti għal teknoloġiji ta' sorveljanza bijometrika intrużivi, bħas-software għar-

rikonoxximent tal-wiċċ, ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet u r-rikonoxximent komportamentali, u lanqas għal analitika predittiva, valutazzjonijiet tar-riskju u kategorizzazzjoni bijometrika fil-kuntest ta' attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, fil-faċilitajiet ta' akkoljenza jew ta' skrinjar jew fl-inħawi tagħhom jew matul l-iskrinjar. L-użu ta' software għar-rikonoxximent tal-lingwa, sistemi ta' detezzjoni tal-gideb jew apparat akustiku fuq distanza twila għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 454
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma għandhomx ikunu soġġetti għal teknoloġiji ta' sorveljanza bijometrika intrużivi, bħas-software għar-rikonoxximent tal-wiċċ, ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet u r-rikonoxximent komportamentali, u lanqas għal analitika predittiva, valutazzjonijiet tar-riskju u kategorizzazzjoni bijometrika fil-kuntest ta' attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, fil-faċilitajiet ta' akkoljenza jew ta' skrinjar jew fl-inħawi tagħhom jew matul l-iskrinjar. L-użu ta' sistemi ta' detezzjoni tal-gideb jew ta' apparati akustiċi fuq distanza twila għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 455
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 456
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 457
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 458

Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. en

Emenda 459
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5, l-iskrinjar għandu jitwettaq fi kwalunkwe post xieraq fit-territorju ta' Stat Membru.	***imħassar***

Or. it

Emenda 460
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn***	3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera.

għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.

Or. en

Emenda 461
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid ***fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera***. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, ***il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali***.	3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid***. Malli jiskadi l-perjodu ta' ħamest ijiem, il-persuna għandha tiġi riferuta mingħajr aktar dewmien għall-proċedura rilevanti skont l-Artikolu 14, anki jekk l-iskrinjar ikun għadu ma tlestiex, mingħajr preġudizzju għall-verifiki tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà***. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, ***l-iskrinjar ma għandux isir u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu riferuti direttament għall-proċedura normali tal-ażil***.

Or. en

Emenda 462
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li*** l-iskrinjar ***jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali***.	3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. ***Malli jiskadi l-perjodu ta' ħamest ijiem, il-persuna għandha tiġi riferuta mingħajr aktar dewmien għall-proċedura rilevanti skont l-Artikolu 14, anki jekk*** l-iskrinjar ***ikun għadu ma tlestiex, mingħajr preġudizzju għall-verifiki tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà, li għandhom jitkomplew fil-proċedura regolari***.

Or. en

Emenda 463
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. ***F'ċirkostanzi*** eċċezzjonali, ***fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jeħtieġ li jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali***.	3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. ***F'sitwazzjonijiet*** eċċezzjonali, ***il-limitu jista' jiġi estiż, jekk ikun meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-proċedura ta' skrinjar***.

Or. en

Emenda 464
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każijiet imsemmija ***fl-Artikolu 3***, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ***ħamest ijiem*** mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, ***fejn*** għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jeħtieġ li*** jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ***ħamest ijiem*** jista' jiġi estiż b'massimu ta' ***ħamest ijiem*** addizzjonali.	3. Fil-każijiet imsemmija ***fl-Artikoli 3 u 5***, l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ***14-il jum*** mill-qbid fiż-żona tal-fruntiera esterna, l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, ***bħal meta jkun meħtieġ li*** għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż ***jew meta jkun impossibbli li titlesta l-proċedura għad-determinazzjoni tal-età, tal-vulnerabbiltà u tas-sigurtà*** f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ***14-il jum*** jista' jiġi estiż b'massimu ta' ***14-il jum*** addizzjonali.

Or. en

Emenda 465
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3,*** l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid ***fiż-żona tal-fruntiera esterna,*** l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ***jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-***	3. L-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid ***jew*** l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ***ikun meħtieġ li*** għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

fruntiera. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jeħtieġ li*** jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.	jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.

Or. en

Emenda 466
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3,*** l-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid ***fiż-żona tal-fruntiera esterna,*** l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ***jew il-preżentazzjoni fil-punt ta' qsim tal-fruntiera***. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jeħtieġ li*** jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.	3. L-iskrinjar għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien ħamest ijiem mill-qbid ***jew*** l-iżbark fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn ***ikun meħtieġ li*** għadd sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għall-iskrinjar fl-istess ħin, li fil-prattika jagħmilha impossibbli li l-iskrinjar jiġi konkluż f'dak il-limitu ta' żmien, il-perjodu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż b'massimu ta' ħamest ijiem addizzjonali.

Or. it

Emenda 467
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-persuni msemmija fl-	Fir-rigward tal-persuni msemmija fl-

Artikolu 3(1)(a) li għalihom japplikaw l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013, ***fejn*** jibqgħu fiżikament fil-fruntiera esterna għal aktar minn 72 siegħa, ***il-perjodu*** għall-iskrinjar għandu jitnaqqas għal jumejn.	Artikolu 3(1)(a) li għalihom japplikaw l-Artikolu 14(1) u (3) tar-Regolament (UE) 603/2013, ***meta sussegwentement*** jibqgħu fiżikament fil-fruntiera esterna għal aktar minn 72 siegħa, ***għandu japplika l-iskrinjar u l-perjodu*** għall-iskrinjar għandu jitnaqqas għal jumejn.

Or. en

Emenda 468
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 469
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-	***imħassar***

estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.

Or. en

Emenda 470
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 471
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***għandhom*** jinnotifikaw lill-Kummissjoni ***mingħajr dewmien*** dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3. ***Huma għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni hekk kif ir-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' skrinjar ma jkunux għadhom jeżistu.***	4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 472
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi l-każijiet fl-Artikolu 5 għandhom jiġu koperti mill-paragrafu 3 tal-Artikolu 6.

Emenda 473
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.	***imħassar***

Or. en

Emenda 474
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien	***imħassar***

tlitt ijiem mill-qbid.

Or. en

Emenda 475
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.	***imħassar***

Or. en

Emenda 476
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid.	5. L-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandu jitwettaq mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ għandu jitlesta fi żmien tlitt ijiem mill-qbid. ***Dan il-limitu jista' jiġi estiż, jekk il-proċedura ta' skrinjar tkun teħtieġ dan.***

Or. en

Emenda 477
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom dejjem jiżguraw, anki waqt ċirkostanzi eċċezzjonali, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, li l-persuni kollha soġġetti għall-iskrinjar jingħataw livell ta' għajxien li jiggarantixxi s-sussistenza tagħhom, jipproteġi s-saħħa fiżika u mentali tagħhom, u jirrispetta d-drittijiet tagħhom skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-persuni għandhom jiġu akkomodati skont l-istandards u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) xxx/xxx (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza).

Or. en

Emenda 478
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***verifika*** preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9;	(a) ***verifiki*** preliminari tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9;

Or. en

Emenda 479
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;	(b) identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10; ***meta individwu jiddikjara li ma għandu l-ebda nazzjonalità jew meta***

	jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li individwu jista' jkun apolidu, dan għandu jiġi rreġistrat b'mod ċar sakemm jiġi ddeterminat jekk l-individwu huwiex apolidu fi proċedura separata;

Or. en

Emenda 480
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) verifika preliminari tal-vulnerabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 9a;

Or. en

Emenda 481
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx***;	(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***f'konformità mal-Artikoli 10, 13 u 14a tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac]***;

Or. en

Emenda 482
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx***;	(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***f'konformità mar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac]***;

Or. en

Emenda 483
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx;	(c) reġistrazzjoni tad-data ***tal-għadam fil-każ ta' kwalunkwe dubju dwar l-istatus ta' minorenni ta' immigrant u tad-data*** bijometrika fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx;

Or. fr

Emenda 484
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx;	(c) reġistrazzjoni tad-data bijometrika ***u dwar id-DNA*** fil-bażijiet tad-data xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14(6), sa fejn din tkun għadha ma seħħitx;

Or. en

Emenda 485
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) verifika tas-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 11;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 486
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) mili ta' formola ***ta' debriefing*** kif imsemmi fl-Artikolu 13;	(e) mili ta' formola ***tal-iskrinjar*** kif imsemmi fl-Artikolu 13;

Or. en

Emenda 487
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) riferiment għall-proċedura xierqa kif imsemmi fl-Artikolu 14.	(f) riferiment għall-proċedura xierqa ***jew ċaħda ta' dħul*** kif imsemmi fl-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 488
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-iskrinjar jista' jiġi ssupplimentat, fil-każ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiddikjaraw li huma minorenni, b'test tal-għadam biex tiġi kkonfermata l-età minuri tagħhom u jiġu rrifjutati l-aktar applikazzjonijiet manifestament infondati għar-rikonoxximent ta' status ta' minorenni.

Or. fr

Emenda 489
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jaħtru ***l-awtoritajiet*** kompetenti ***sabiex*** iwettqu ***l-iskrinjar***. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti.	7. L-Istati Membri għandhom jaħtru ***awtoritajiet tal-fruntiera kwalifikati u*** kompetenti***, inklużi awtoritajiet tal-ażil u pulizija tal-fruntieri, biex*** iwettqu ***l-verifiki tal-identità u tas-sigurtà u għandhom jiżguraw li l-persunal ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti jkun irċieva t-taħriġ xieraq f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil]***. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti ***u fil-qafas ta' żmien previst***.

Or. en

Emenda 490
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti.	7. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti. ***Il-persunal kollu tal-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandu jkollu t-taħriġ adegwat sabiex ikun kompletament konxju dwar id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-refuġjati u s-SEKA, biex ikun jista' jikkonforma mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proċedimenti kollha u biex ikun jista' jidentifika u jittratta kif xieraq il-persuni bi bżonnijiet speċjali. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet tal-Ażil ikun involut fl-iskrinjar sabiex, anki f'każijiet fejn ċittadin ta' pajjiż terz ma jkunx ippreżenta applikazzjoni uffiċjali għal protezzjoni internazzjonali, din il-ħtieġa tkun tista' tiġi rikonoxxuta u li jista' jkun hemm valutazzjoni adegwata tal-applikabbiltà tal-kunċetti tal-ewwel pajjiż ta'ażil u ta' pajjiż terz sigur.***

Or. en

Emenda 491
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti.	7. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu l-iskrinjar. Huma għandhom jużaw persunal xieraq u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-iskrinjar b'mod effiċjenti. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu ngħataw taħriġ adegwat, inkluż fid-dritt Ewropew dwar il-migrazzjoni u l-ażil u fid-dritt***

	internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u r-refuġjati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll ikunu mħarrġa b'mod adegwat biex jidentifikaw kif xieraq il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u jirreferuhom għall-proċedura xierqa u appoġġ immirat.

Or. en

Emenda 492
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9***. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq***.	L-Istati Membri għandhom jaħtru persunal mediku kwalifikat ***u mħarreġ kif xieraq*** biex iwettaq il-verifika tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9 ***kif ukoll persunal kwalifikat u mħarreġ kif xieraq biex iwettaq il-verifika tal-vulnerabbiltà prevista fl-Artikolu 9a. F'każijiet ta' riżorsi skarsi, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE***. ***Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet elenkati hawn fuq. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fl-identità ta' dawn l-awtoritajiet.***

Or. en

Emenda 493
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jaħtru ***persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika*** tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll***,*** ***fejn xieraq***.	L-Istati Membri għandhom jaħtru ***professjonisti mediċi kwalifikati biex iwettqu l-verifika*** tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9***, dejjem f'konformità mal-Artikoli 1, 3 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-professjonisti mediċi għandhom jitħarrġu sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod xieraq il-vulnerabbiltajiet u l-persuni bi bżonnijiet speċjali u jirreferuhom kif xieraq***. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll***. L-Istati Membri għandhom jaħtru wkoll uffiċjali għall-protezzjoni kontra t-traffikar li jappoġġaw l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi potenzjali u jiżguraw il-protezzjoni tagħhom***.
	Or. en

Emenda 494
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru ***persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika*** tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll***,*** ***fejn xieraq***.	L-Istati Membri għandhom jaħtru ***professjonisti mediċi kwalifikati biex iwettqu l-verifika*** tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll.
	Or. en

Emenda 495
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq.	L-Istati Membri għandhom jaħtru persunal mediku kwalifikat biex iwettaq il-verifika tas-saħħa prevista fl-Artikolu 9 ***u l-ittestjar tal-għadam previst fl-Artikolu 6***. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll, fejn xieraq.

Or. fr

Emenda 496
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinħatar kustodju legali għal minorenni mhux akkumpanjat, jew persuna li tiddikjara li hija minorenni mhux akkumpanjat, malli jibda l-iskrinjar. Għal raġunijiet ta' koerenza u konsistenza, u jekk dan ikun fl-aħjar interess tat-tfal, il-kustodju għandu jibqa' l-istess wieħed fil-proċedura sussegwenti. L-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal u r-rapporteurs nazzjonali kontra t-traffikar għandhom ikunu involuti wkoll meta l-iskrinjar isir fuq minorenni, irrispettivament minn jekk dawn ikunux akkumpanjat jew le.

Or. en

Emenda 497
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja meta jiġi implimentat dan ir-Regolament. Il-prinċipju tal-"benefiċċju tad-dubju" favur il-minorenni japplika dejjem meta l-età ta' persuna ma tkunx ċara jew tkun ikkontestata u ma tkun teżisti l-ebda dokumentazzjoni ta' sostenn li tagħti prova tal-età ta' dik il-persuna.

Or. en

Emenda 498
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu jiġu assistiti jew*** appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn ***esperti jew uffiċjali u timijiet ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija*** Ewropea ***għall-Gwardja*** tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Asil***] ***fil-limiti tal-mandati tagħhom***.	L-awtoritajiet kompetenti ***għandhom jiġu*** appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn ***membri tal-Korp Permanenti tal-Gwardja*** Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Ażil] f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 40(4) tar-Regolament 2019/1896 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u r-Regolament [...***] ***dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil***.

Or. en

Emenda 499
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti ***jistgħu*** jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-	***Il-funzjonament xieraq tal-proċedura tal-iskrinjar u l-konformità tagħha mal-Karta***

iskrinjar minn esperti jew uffiċjali u timijiet ***ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija*** Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Asil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom.	***tad-Drittijiet Fundamentali jiddependu b'mod inerenti fuq id-disponibbiltà ta' persunal adegwat u kkwalifikat fl-istadji kollha tal-proċedura.*** L-awtoritajiet kompetenti ***għandhom għalhekk*** jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ***ta' kollegament*** u timijiet ***mibgħuta minn korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet mhux governattivi, b'mod partikolari l-Aġenzija*** Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Ażil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom. ***B'mod partikolari, dan għandu jkun il-każ meta l-Istat Membru jkun iffaċċjat b'sitwazzjoni ta' influss bil-massa ta' persuni u meta l-istruttura operattiva u s-sistema tal-ażil tiegħu jkunu mgħobbija żżejjed. Il-Kummissjoni għandha tassisti wkoll lill-awtoritajiet kompetenti fl-ippjanar tal-allokazzjoni tal-persunal kwalifikat, bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha. Meta korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni jqisu li jkun meħtieġ li jipproponu appoġġ lil Stat Membru speċifiku, dak l-Istat Membru għandu jieħu kont debitu ta' dik il-proposta u għandu jkun jista' jaċċettaha, jemendaha jew jirrifjutaha.***

Or. en

Emenda 500
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ***u***	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ta'

timijiet ta’ kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Asil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom.	kollegament***u timijiet***mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea***għall-Ażil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom***, dment li l-persunal speċifiku jkollu t-taħriġ u l-kwalifiki kif stabbilit fiż-żewġ subparagrafi ta' hawn fuq***. ***Ir-rwol, is-setgħat, il-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-attivitajiet, inkluż l-ipproċessar ta’ data personali, taż-żewġ Aġenziji għandhom ikunu definiti b’mod ċar, limitati għal kompiti ta’ appoġġ, u miftuħa għal skrutinju estern, inkluż permezz ta’ mekkaniżmi effettivi għall-ilmenti u mill-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ indipendenti previst fl-Artikolu 7.***

Or. en

Emenda 501
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ***u timijiet*** ta’ kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Asil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom.	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ta' kollegament ***u timijiet*** mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Ażil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom. ***Il-kompiti u l-attivitajiet imwettqa fil-qafas ta’ dan ir-Regolament mill-persunal rilevanti tal-aġenziji tal-UE għandhom ikunu soġġetti wkoll għall-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 7.***

Or. en

Emenda 502

Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ***u timijiet*** ta' kollegament mibgħuta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Asil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom.	L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu assistiti jew appoġġati fit-twettiq tal-iskrinjar minn esperti jew uffiċjali ta' kollegament ***u timijiet*** mibgħuta ***fuq talba tal-Istati Membru kkonċernat*** mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-[Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ***għall-Ażil***] fil-limiti tal-mandati tagħhom.

Or. en

Emenda 503
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji speċifiċi, pereżempju billi:
	(a) jaħtru malajr kemm jista' jkun u qabel ma jibda l-iskrinjar, rappreżentant meta jkun ikkonċernat minorenni mhux akkumpanjat, jew persuna li tiddikjara li hija minorenni mhux akkumpanjat;
	(b) japplikaw dejjem il-prinċipju tal-"benefiċċju tad-dubju" favur il-minorenni meta l-età ta' persuna ma tkunx ċara jew tkun ikkontestata u ma tkun teżisti l-ebda dokumentazzjoni ta' sostenn li tagħti prova tal-età ta' dik il-persuna.Għalhekk, jittrattaw bħala minorenni kwalunkwe persuna li fir-rigward tagħha jkun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li hija minorenni kif

ukoll kwalunkwe persuna li tiddikjara li hija minorenni, sakemm dokumentazzjoni jew valutazzjoni tal-età ma tagħtix prova kuntrarja.Il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-età għandhom isiru biss meta jkun hemm dubju raġonevoli li l-persuna ma tkunx minorenni, għandhom jirrispettaw l-aħjar interessi tat-tfal u primarjament jużaw proċeduri mhux mediċi u, taħt l-ebda ċirkostanza, ma għandhom jużaw tnexxigħ furzat jew eżami tal-ġenitali;

(c) jiżguraw li, minbarra l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 7, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili speċjalizzati fil-protezzjoni tat-tfal għandu jkollhom aċċess għall-monitoraġġ tal-proċeduri ta' identifikazzjoni, verifika u valutazzjoni tal-età;

(d) l-iskrinjar ta' tfal mhux akkumpanjati u tfal mal-familji tagħhom isir f'faċilitajiet xierqa għall-akkoljenza ta' minorenni mhux akkumpanjati jew ta' familji fit-territorju tal-Istati Membri, fi ħdan is-sistema prinċipali ta' protezzjoni għall-minorenni;

(e) jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet tal-minorenni jiffurmaw il-bażi tal-formola ta' debriefing biss jekk ikunu assistiti mill-ġenitur(i) tagħhom jew minn rappreżentant;

(f) jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni inkluża fil-formola ta' debriefing u jkun jista' jikkoreġiha;

(g) jiżguraw li ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi kkonċernati jkollhom aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 504
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu infurmati bid-dritt tagħhom li jaċċessaw konsulenza jew parir legali mingħajr ħlas matul l-iskrinjar u l-Istati Membri għandhom jippermettu tali aċċess jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jitolbu dan bil-fomm jew bil-miktub.

Or. en

Emenda 505
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali	
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar.	
2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti	
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar;	
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar,	

inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.

Or. en

Emenda 506
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw ***id-dispożizzjonijiet*** rilevanti ***biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar.***	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw ***dispożizzjonijiet*** rilevanti ***li jiżguraw:***
	– il-monitoraġġ u l-valutazzjoni kostanti tal-konformità mad-drittijiet fundamentali

tal-attivitajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri fit-territorji tagħhom jew mill-awtoritajiet tagħhom, inklużi l-proċeduri ta' sorveljanza fil-fruntieri, skrinjar,ażil u ritorn,

– l-investigazzjoni fil-pront tal-allegazzjonijiet kollha ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali,

– il-prosekuzzjoni fil-każijiet kollha fejn allegazzjonijiet bħal dawn jiġu sostanzjati minn ġbir ta' informazzjoni indipendenti,

– il-penalizzazzjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali, inklużi dawk tal-migranti irregolari, b'sanzjonijiet proporzjonati, effettivi u dissważivi.

Or. en

Emenda 507
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw ***id-dispożizzjonijiet*** rilevanti biex jinvestigaw ***allegazzjonijiet*** ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***fir-rigward tal-iskrinjar***.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw ***dispożizzjonijiet u miżuri*** rilevanti biex ***jimmonitorjaw u jivvalutaw b'mod kostanti l-konformità mad-drittijiet fundamentali tal-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri fit-territorji tagħhom jew mill-awtoritajiet tagħhom, biex*** jinvestigaw ***minnufih u b'mod effettiv l-allegazzjonijiet kollha*** ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***u biex jipproċedu bil-prosekuzzjoni tal-każijiet kollha fejn tali allegazzjonijiet ikunu sostanzjati minn ġbir ta' informazzjoni indipendenti***.

Or. en

Emenda 508
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-

Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***fir-rigward tal-iskrinjar***.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***matul is-sorveljanza fil-fruntieri, l-iskrinjar, il-proċeduri kollha ta'ażil u ta' ritorn kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' kriżi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Huma għandhom ifasslu miżuri dixxiplinari ċari u proporzjonati skont id-dritt nazzjonali f'każ li l-allegazzjonijiet ikunu veri***.

Or. en

Emenda 509
Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar.	1. L-Istati Membri għandhom***, mingħajr dewmien żejjed,*** jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar.

Or. en

Emenda 510
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-Istati Membri ***għandhom*** jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar.	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jadottaw id-dispożizzjonijiet rilevanti biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar.

Or. en

Emenda 511
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti	***imħassar***
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar;	
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex	

tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.

Or. fr

Emenda 512
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti	***imħassar***
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar;	
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-asil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.

Or. en

Emenda 513
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kull*** Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' ***monitoraġġ indipendenti***	2. Stat Membru għandu ***jkun liberu li*** jistabbilixxi mekkaniżmu ta' ***kontroll estern għall-proċedura ta' skrinjar fil-fruntieri tiegħu.***

Or. fr

Emenda 514
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu ***jistabbilixxi*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ	2. Kull Stat Membru għandu ***jipprovdi*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti**,**

indipendenti	***biex jikkomplementa u jassisti l-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija Ewropea għall-Ażil f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) xxx/xxx [l-Aġenzija Ewropea għall-Ażil].***

Or. en

Emenda 515
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu ***jistabbilixxi*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti	2. ***Għall-finijiet tal-paragrafu 1,*** kull Stat Membru għandu ***jinkariga*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti ***bi***

Or. en

Emenda 516
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu ***jistabbilixxi*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti	2. Kull Stat Membru għandu ***jipprevedi*** mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti***.***

Or. en

Emenda 517
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti	2. ***F'dan il-kuntest,*** kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti ***li jwettaq il-kompiti li ġejjin:***

Or. en

Emenda 518
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 il-monitoraġġ, f'koordinazzjoni mal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali fejn rilevanti, fuq bażi kontinwa tal-attivitajiet ta' kontroll fil-fruntieri u ta' sorveljanza fil-fruntieri mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-aġenziji rilevanti tal-UE fit-territorji tiegħu, kif ukoll l-attivitajiet kollha bħal dawn imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali barra mit-territorji tiegħu u jivvaluta jekk l-attivitajiet osservati humiex konformi mad-dritt nazzjonali applikabbli, mad-dritt tal-UE u mad-dritt internazzjonali;

Or. en

Emenda 519
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 il-monitoraġġ fuq bażi kontinwa,

	inkluż matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza, tal-attivitajiet kollha ta' ġestjoni tal-fruntieri fit-territorji tiegħu; irrispettivament minn jekk ikunux imwettqa minn awtoritajiet nazzjonali jew aġenziji rilevanti tal-UE, kif ukoll ta' kwalunkwe attività bħal din imwettqa minn awtoritajiet nazzjonali barra mit-territorji tiegħu,

Or. en

Emenda 520
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 il-valutazzjoni ta' jekk l-attivitajiet osservati humiex konformi mad-dritt nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali applikabbli,

Or. en

Emenda 521
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 522
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 523
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul l-iskrinjar;	***– il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-konformità tal-proċeduri tal-iskrinjar, tal-ażil u tar-ritorn mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali***;

Or. en

Emenda 524
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u ***dak*** internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul ***l-iskrinjar;***	***– li jiżgura*** l-konformità mad-dritt ***nazzjonali,*** tal-Unjoni u internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, matul ***is-sorveljanza fil-fruntieri u l-proċeduri tal-iskrinjar, l-ażil, ir-ritorn u l-fruntieri,***

Or. en

Emenda 525
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali***,*** ***inkluża l-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali***,*** matul l-iskrinjar***;***	– biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali ***u mal-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali ***dwar miżuri restrittivi meħuda biex jiġi żgurat li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jibqa' għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-iskrinjar*** matul l-iskrinjar***.***

Or. en

Emenda 526
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***,*** ***matul l-iskrinjar***;	– biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 527
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– li jiżgura li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 528
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 529
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 530
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 531
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 532
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, ***biex tiġi żgurata*** l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni ***tal-persuna kkonċernata***, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet ***u t-***	– fejn applikabbli, ***li jiżgura*** l-konformità mar-regoli nazzjonali ***u tal-Unjoni*** dwar id-detenzjoni ***tal-migranti***, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet***, in-***

tul ta' żmien tad-detenzjoni***;***	***neċessità u l-proporzjonalità kif ukoll it-tul*** ta' żmien ***u l-kundizzjonijiet, inkluż l-aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas,*** tad-detenzjoni

Or. en

Emenda 533
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;	– fejn applikabbli, biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli ***tal-Unjoni u*** nazzjonali dwar id-detenzjoni tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari rigward ir-raġunijiet***, il-kundizzjonijiet*** u t-tul ta' żmien tad-detenzjoni;

Or. en

Emenda 534
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– li jirrapporta pubblikament dwar il-każijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità li jista' jsib,

Or. en

Emenda 535
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 536
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 537
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar,	***imħassar***

inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 538
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 539
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***fir-rigward tal-iskrinjar***, ***inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.***	***– li jiskatta u jwettaq investigazzjonijiet biex jiġi vvalutat il-ksur*** tad-drittijiet fundamentali,

Or. en

Emenda 540
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali ***fir-rigward tal-iskrinjar***, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.	– biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, ***l-aħjar interessi tat-tfal, id-dritt għall-kura tas-saħħa, il-protezzjoni tad-data u l-kundizzjonijiet tal-akkoljenza*** jiġu ttrattati b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed. ***L-aċċess għall-ġustizzja għall-individwi affettwati għandu jiġi ċċarat.***

Or. en

Emenda 541
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ***ttrattati b'mod effettiv*** u mingħajr dewmien żejjed.	– biex jiġi żgurat li l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-iskrinjar, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u n-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, jiġu ***investigati kif xieraq, u fejn applikabbli, trattati b'mod adegwat*** u mingħajr dewmien żejjed.

Or. en

Emenda 542
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– li jirrapporta pubblikament dwar il-każijiet kollha ta' nuqqas ta' konformità li jista' jsib;

Or. en

Emenda 543
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– li jgħaddi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' prosekuzzjoni l-evidenza kollha li jkun irnexxielu jiġbor dwar każijiet individwali ta' ksur tad-drittijiet fundamentali,

Or. en

Emenda 544
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– li jgħaddi f'idejn l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni rilevanti l-evidenza kollha li jkun irnexxielu jiġbor dwar każijiet individwali ta' ksur tad-drittijiet

fundamentali.

Or. en

Emenda 545
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – inċiż 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– li jimmonitorja l-effettività tal-prosekuzzjonijiet u, jekk ikun xieraq, is-sanzjonar tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-migranti.

Or. en

Emenda 546
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE kif imsemmi fil-paragrafu 2, u jirrapporta kull sena u pubblikament dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Is-sejbiet tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri għal investigazzjonijiet u prosekuzzjoni sussegwenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw segwitu fil-pront u effettiv għar-rakkomandazzjonijiet, u għandhom jinfurmaw lill-mekkaniżmu ta'

monitoraġġ kif xieraq.

Or. en

Emenda 547
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 Il-monitoraġġ għandu japplika għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għal kwalunkwe aġenzija u korp tal-UE involuti fil-proċeduri msemmija hawn fuq. L-Istati Membri għandhom jistiednu lill-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u indipendenti, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-monitoraġġ. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet ta' monitoraġġ aċċess mingħajr xkiel għall-faċilitajiet u d-dokumenti rilevanti.

Or. en

Emenda 548
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 Il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti għandhom joħorġu rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u għandhom jirrapportaw kull sena u

pubblikament lill-parlamenti nazzjonali dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom u dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 549
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 550
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu***.	L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti jkun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu filwaqt li jiżgura, bħala minimu, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT). B'mod partikolari, l-Istati Membri u, fejn xieraq l-aġenziji rilevanti tal-UE, għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, fi kwalunkwe ħin:*** ***– ikun kapaċi jirċievi u jaġixxi fuq informazzjoni riċevuta minn organizzazzjonijiet internazzjonali,***

organizzazzjonijiet mhux governattivi, ġurnalisti, aġenziji u istituzzjonijiet tal-UE anke jekk ma jkunux parti mill-mekkaniżmu, u l-individwi kollha affettwati anki jekk ma jkunux preżenti fl-Istat Membru rispettiv jew fit-territorju tal-UE,

– jingħata aċċess mingħajr xkiel għal kwalunkwe post u żona, inklużi l-fruntieri blu u ħodor kif ukoll għases tal-pulizija u faċilitajiet ta' detenzjoni u akkoljenza, li huwa jqis rilevanti għat-twettiq tal-mandat tiegħu, biex iwettaq żjarat perjodiċi, bla limitu fl-għadd u mhux ristretti mħabbra kif ukoll mhux imħabbra,

– jingħata aċċess għat-tagħmir kollu użat fil-kuntest tal-ġestjoni tal-fruntieri u jirċievi informazzjoni dwar l-użu tiegħu,

– jingħata aċċess għad-dokumenti, il-fajls u r-reġistrazzjonijiet kollha ta' rilevanza għall-missjoni tiegħu u jitħalla jagħmel jew jirċievi kopji anke ta' dawk li għalihom għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità dovuta,

– ikun kapaċi jirċievi lmenti minn individwi li jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, jew mir-rappreżentanti tagħhom, irrispettivament miż-żmien tal-inċidenti allegati jew il-post tal-individwu fiż-żmien tal-ilment,

— ikollu s-setgħa li jikseb aċċess mingħajr xkiel u jisma' lix-xhieda u lill-individwi kollha li jallegaw li raw ksur tad-drittijiet fundamentali jew li jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 551
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu***, inkluż billi jiżguraw li l-organizzazzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, l-ombudspersons, l-organizzazzjonijiet indipendenti mhux governattivi jew tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu parti mis-sistema ta' monitoraġġ***. ***Fejn ikunu jeżistu korpi nazzjonali indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem b'mandati legali jew kostituzzjonali li jkopru attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, bħall-istituzzjonijiet nazzjonali tal-Ombudsman, l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem jew il-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni kontra t-tortura mwaqqfa skont il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura, dawn il-korpi diġà jistgħu jinħatru bħala l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għall-finijiet tal-paragrafu 2.Huma għandhom jistiednu l-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali, u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.*** ***Fejn ma jkunux jeżistu korpi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom iwaqqfuhom, filwaqt li jqisu bis-sħiħ l-istrumenti internazzjonali li jirregolaw dawk l-istituzzjonijiet u jissalvagwardjaw l-indipendenza tagħhom, jiġifieri 1) il-Prinċipji ta' Pariġi, 2) il-Prinċipji ta' Venezja, 3) ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2020 dwar ir-rwol tal-Ombudsman, u 4) l-OPCAT, bl-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.***

Or. en

Emenda 552
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu***, f'konformità mal-kriterji rikonoxxuti skont id-dritt u l-istandards internazzjonali rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu l-għażla ta' atturi nazzjonali u internazzjonali rilevanti indipendenti, inkluż mill-inqas rappreżentant wieħed mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u rappreżentant wieħed mill-Ombudsman tal-UE jew l-ombudspersons nazzjonali, biex jirrieżaminaw l-indipendenza tal-mekkaniżmu fuq bażi annwali u jirrapportaw lura lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew***.

Or. en

Emenda 553
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***mekkaniżmu ta' monitoraġġ jew jaħtru mekkaniżmu eżistenti u jistabbilixxu*** salvagwardji adegwati biex jiggarantixxu l-indipendenza tal-mekkaniżmu.

Or. en

Emenda 554
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 555
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 556
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 557
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ***għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa***.	L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali***, li hija favur l-immigrazzjoni tal-massa fl-Ewropa, għandha toqgħod lura milli tagħti pariri lill-Istati Membri***.

Or. fr

Emenda 558
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.***	L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu.

Or. en

Emenda 559
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ***ġenerali*** għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' ***tali mekkaniżmu*** u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, ***l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija*** għad-Drittijiet Fundamentali ***biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali*** tagħhom***, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi***, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta'	***Filwaqt li tibni fuq il-qafas previst f'dan l-Artikolu,*** l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' ***mekkaniżmu ta' monitoraġġ*** u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, ***l-Aġenzija*** għad-Drittijiet Fundamentali ***għandha tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni*** tagħhom ***tas-salvagwardji għall-indipendenza tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ***, kif ukoll il-metodoloġija ta'

taħriġ xierqa.

monitoraġġ u l-iskemi ta’ taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 560
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta’ tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***jistgħu*** jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta’ tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta’ monitoraġġ u l-iskemi ta’ taħriġ xierqa.	L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta' tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri ***għandhom*** jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 561
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta’ tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu	***Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti ta’ dan l-Artikolu,*** l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali għandha toħroġ gwida ġenerali għall-Istati Membri dwar l-istabbiliment ta’ tali mekkaniżmu u l-funzjonament indipendenti tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jitolbu

ta’ monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta’ tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta’ monitoraġġ u l-iskemi ta’ taħriġ xierqa.	lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali biex tappoġġahom fl-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom, inklużi s-salvagwardji għall-indipendenza ta' tali mekkaniżmi, kif ukoll il-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-iskemi ta' taħriġ xierqa.

Or. en

Emenda 562
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn ikunu jeżistu korpi nazzjonali indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem b’mandati legali jew kostituzzjonali li jkopru attivitajiet ta’ ġestjoni tal-fruntieri, bħall-istituzzjonijiet nazzjonali tal-Ombudsman, l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem jew il-Mekkaniżmi Nazzjonali ta’ Prevenzjoni kontra t-tortura mwaqqfa skont il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura, dawn il-korpi għandhom jinħatru bħala l-mekkaniżmu ta’ monitoraġġ indipendenti għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.Huma għandhom jistiednu lill-organizzazzjonijiet u l-korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jipparteċipaw fil-ħolqien tal-mekkaniżmu u jimplimentaw il-kompiti tiegħu kif deskritt f’dan l-Artikolu.
	Fejn ma jkunux jeżistu korpi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom iwaqqfuhom, filwaqt li jqisu bis-sħiħ l-istrumenti internazzjonali li jirregolaw dawk l-istituzzjonijiet u jissalvagwardjaw l-

indipendenza tagħhom, jiġifieri l-Prinċipji ta' Pariġi[1a], il-Prinċipji ta' Venezja[2a], ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-2020[3a] dwar ir-rwol tal-Ombudsman, u l-OPCAT[4a], bl-appoġġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

Fil-każijiet kollha, il-komponenti għall-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandhom jintgħażlu b'mod trasparenti u responsabbli, inkluż permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti.

[1a] Il-prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali (Il-Prinċipji ta' Pariġi), adottati permezz tar-Riżoluzzjoni 48/134 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-20 ta' Diċembru 1993 (A/RES/48/134).

[2a] Il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja); Il-prinċipji dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman (Il-Prinċipji ta' Venezja), 2019, CDL-AD (2019) 005.

[3a] Ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar Ir-rwol tal-Ombudsman u tal-istituzzjonijiet medjaturi fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt 2020, A/RES/75/186.

[4a] Il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra adottat fit-18 ta' Diċembru 2002 fis-sebgħa u ħamsin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tar-riżoluzzjoni A/RES/57/199 daħal fis-seħħ fit-22 ta' Ġunju 2006.

Or. en

Emenda 563
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-ħidma tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti għandha tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali skont l-Artikolu 15(1) u l-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/1060 (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni).

Or. en

Emenda 564
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ladarba l-indipendenza u l-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu jkunu ġew ivverifikati skont il-gwida żviluppata mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-mekkaniżmu għandu jirċievi finanzjament adegwat mill-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) tal-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) u sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE. F'dan il-każ, il-funzjonament u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, inkluż l-issodisfar tal-kriterji dwar l-indipendenza tal-mekkaniżmu, għandhom jiġu inklużi fil-kriterji ta' programmazzjoni nazzjonali u fir-rieżami ta' nofs it-terminu ta' dawn il-fondi.

Or. en

Emenda 565
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu, b'mod partikolari:
	– jirċievi u jaġixxi fuq informazzjoni disponibbli fid-dominju pubbliku u/jew informazzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ġurnalisti, aġenziji u istituzzjonijiet tal-UE u individwi affettwati, anke jekk dawn l-individwi ma jkunux preżenti fl-Istat Membru rispettiv;
	– jingħata aċċess mingħajr xkiel għal kwalunkwe post, inkluż l-fruntieri blu u ħodor kif ukoll faċilitajiet ta' detenzjoni u akkoljenza, li huwa jqis rilevanti għat-twettiq tal-mandat tiegħu, u jkun kapaċi jwettaq żjarat perjodiċi mħabbra u mhux imħabbra;
	– jingħata aċċess għad-dokumenti u r-rekords kollha ta' rilevanza għall-missjoni tiegħu u jitħalla jagħmel jew jirċievi kopji li għalihom għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità dovuta;
	– ikunu kapaċi jirċievi lmenti minn vittmi ta' ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali, jew mir-rappreżentanti tagħhom, li għandhom jiġu indirizzati lill-awtorità ġudizzjarja nazzjonali kompetenti;
	– ikollu s-setgħa li jisima' lix-xhieda u lill-allegati vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, b'rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 566
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 567
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 568
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 569
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 570
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu ***jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ***.	***L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li bħalissa*** jistgħu ***ma jkunux parti mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti, għandhom ikunu jistgħu jwissu dwar ksur potenzjali, jipprovdu evidenza u rapporti, jirreferu individwi, u jirrappreżentaw jew iressqu lmenti f'isimhom, irrispettivament minn jekk fiż-żmien meta l-ilmentaturi jkunux fit-territorju tal-Istat Membru***.

Or. en

Emenda 571
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu ***jistiednu*** organizzazzjonijiet ***u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex jipparteċipaw fil-monitoraġġ***.	L-Istati Membri jistgħu ***jipprevjenu lil*** organizzazzjonijiet ***mhux governattivi milli jipparteċipaw fil-monitoraġġ tal-proċedura ta' skrinjar għall-migranti li jkunu qed ifittxu li jidħlu fl-Unjoni Ewropea***.

Or. fr

Emenda 572
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex ***jipparteċipaw*** fil-monitoraġġ.	L-Istati Membri jistgħu jistiednu organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti biex ***jassistu*** fil-monitoraġġ.

Or. fr

Emenda 573
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex tiġi mmonitorjata l-konformità mad-drittijiet fundamentali, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu speċifiku indipendenti tal-ilmenti mill-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali u internazzjonali involuti, għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk li ma ngħatawx id-dritt li jidħlu fit-territorju, li jinsabu f'riskju li jiġu ritornati u/jew li ġew ritornati lejn pajjiż terz. Tali mekkaniżmu għandu

jinkludi hotline miftuħa l-ħin kollu li tista' tiġi aċċessata minn persuni sabiex jiġu evitati aktar abbużi tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari f'każ li persuna tkun f'riskju li tiġi rritornata b'mod arbitrarju lejn pajjiż terz. Fl-Istati Membri fejn tali mekkaniżmu għat-tressiq ta' lmenti diġà jeżisti fi ħdan mekkaniżmi nazzjonali indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem, imbagħad dawn jistgħu jintużaw minflok ma jiġi stabbilit wieħed ġdid. Il-persunal ta' dan il-mekkaniżmu, inklużi dawk li joperaw il-hotline, ma għandux ikun kriminalizzat minn Stat Membru fuq bażi tal-ħidma tiegħu fih.

Or. en

Emenda 574
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw proċedura tal-ilmenti effettiva u aċċessibbli disponibbli fil-fruntieri, li l-eżistenza tagħha tkun magħrufa sew, inkluż fil-pajjiżi ġirien tagħhom. Huma għandhom jiżguraw l-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul is-sorveljanza tal-fruntieri, il-proċeduri tal-iskrinjar, tal-ażil u tar-ritorn, f'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-UE, u l-Artikolu 47 tal-Karta. L-ilmenti għandhom jiġu ttrattati fil-pront, imparzjalment, b'mod effettiv, minn persuni li jaġixxu b'mod indipendenti, fejn il-vittmi jinstemgħu u jkunu involuti b'mod suffiċjenti. L-investigazzjoni għandha tkun kapaċi twassal għal rettifika u kumpens, kif ukoll għall-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta'

dawk responsabbli b'mod xieraq.

Or. en

Emenda 575
Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw lura lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar allegazzjonijiet potenzjali ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-proċess ta' skrinjar, jekk ikun hemm.

Or. en

Emenda 576
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Jekk ikun meħtieġ, il-mekkaniżmu għandu jkun jista' jirċievi finanzjament permezz tal-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) jew kwalunkwe fond rilevanti ieħor tal-UE.

Or. en

Emenda 577
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jaġixxi f'sinerġija ma' strumenti oħra ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali tal-UE bħal, b'mod partikolari, dawk previsti mill-Artikoli 109, 110 u 111 tar-Regolament (UE) 2019/1896 (ir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta), il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-fini ta' monitoraġġ tal-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Asil] u r-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen].L-osservazzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet jew l-opinjonijiet mill-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex u r-rapporti ta' inċidenti serji relatati man-nuqqas ta' konformità mad-drittijiet fundamentali għandhom jiġu kondiviżi bejn il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti u l-korpi ta' monitoraġġ tal-aġenziji tal-UE. ***Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti huwa mingħajr preġudizzju għall-mandati tal-korpi ta' monitoraġġ eżistenti li joperaw fil-livell tal-UE u dak internazzjonali.***

Or. en

Emenda 578
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lil individwi potenzjalment affettwati informazzjoni dwar il-mekkaniżmu, bil-miktub u bil-fomm, f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi li l-individwu affettwat ikun jista' jifhmu.

Or. en

Emenda 579
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ladarba l-indipendenza u s-setgħat xierqa tal-mekkaniżmu jiġu vverifikati mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-mekkaniżmu għandu jirċievi finanzjament mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri: Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) u sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE u għandu jkun finanzjarjament indipendenti mill-Istat Membru li fih jopera.

Or. en

Emenda 580
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-mekkaniżmu għandu, kull sena,

jirrapporta pubblikament dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, inkluż dwar il-passi meħuda biex dawk li jiksru d-drittijiet fundamentali jinżammu responsabbli. Dawn ir-rapporti għandhom jikkontribwixxu għall-valutazzjoni tal-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2018/0196 (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) u l-Anness III.

Or. en

Emenda 581
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Il-Protezzjoni tad-Data
	1. Ir-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament 2018/1725 u, fejn rilevanti, id-Direttiva 2018/680 għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq meta jiġi implimentat dan ir-Regolament.
	2. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-awtorità superviżorja nazzjonali stabbilita skont l-Artikolu 51 tar-Regolament 2016/679 dwar il-protezzjoni tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza li jikkonċernaw l-attivitajiet tagħhom ta' ġestjoni tal-fruntieri u l-implimentazzjoni tal-iskrinjar skont dan ir-Regolament kull sena. L-awtorità superviżorja nazzjonali se tippubblika l-valutazzjonijiet tagħhom kull sena.
	3. Il-BEPD u l-KEPD jistgħu joħorġu linji gwida dwar il-ġbir u l-ipproċessar tad-data għall-fini ta' dan ir-Regolament.

	4. L-Istati Membri kull sena se jippubblikaw l-għadd ta' talbiet tas-suġġetti tad-data riċevuti u avviżi tad-data pprovduti skont ir-Regolament (UE) 2016/679 fil-kuntest ta' proċeduri ta' skrinjar, asil u ritorn.

Or. en

Emenda 582
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar ***għandhom ikunu infurmati fil-qosor*** dwar l-għan u l-modalitajiet ***tal-iskrinjar***:	1. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw, b'mod ċar u komprensiv b'lingwa li jkunu jifhmuha, liċ-ċittadini kollha*** ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar dwar l-għan***, it-tul*** u l-modalitajiet ***tiegħu kif ukoll dwar id-drittijiet tagħhom, bħal***:

Or. en

Emenda 583
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Iċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar ***għandhom ikunu infurmati fil-qosor dwar l-għan u l-modalitajiet tal-iskrinjar***:	1. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lil ċittadini*** ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar ***dwar l-għan, il-modalitajiet u d-dewmien tal-iskrinjar u dwar id-dritt li jfittxu asil, b'mod partikolari***:

Or. en

Emenda 584
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandhom ikunu infurmati fil-qosor dwar l-għan u l-modalitajiet tal-iskrinjar:	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandhom ikunu infurmati fil-qosor ***u b'mod adegwat*** dwar l-għan u l-modalitajiet tal-iskrinjar:

Or. en

Emenda 585
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-passi u l-modalitajiet tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar;	(a) il-passi***, l-għan, id-dewmien*** u l-modalitajiet tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar;

Or. en

Emenda 586
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-passi ***u l-modalitajiet*** tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar;	(a) il-passi***, l-għan, il-modalitajiet u d-dewmien*** tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar;

Or. en

Emenda 587
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-passi u l-modalitajiet tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar*;*	(a) il-passi u l-modalitajiet tal-iskrinjar kif ukoll ir-riżultati possibbli tal-iskrinjar*, **b'mod partikolari d-dritt tagħhom li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali jew forom oħra ta' protezzjoni applikabbli fil-liġi nazzjonali.***

Or. en

Emenda 588
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-iskrinjar*, **inkluż l-obbligu li jibqgħu fil-faċilitajiet iddeżinjati matul l-iskrinjar.***	(b) id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-iskrinjar*;*

Or. en

Emenda 589
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) id-drittijiet u l-obbligi ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi matul l-iskrinjar***, inkluż l-obbligu li jibqgħu fil-faċilitajiet iddeżinjati matul l-iskrinjar***.	(b) id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-iskrinjar.

Or. en

Emenda 590
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-drittijiet u l-obbligi ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi matul l-iskrinjar, inkluż l-obbligu li jibqgħu fil-faċilitajiet iddeżinjati matul l-iskrinjar.	(b) id-drittijiet u l-obbligi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul l-iskrinjar, inkluż ***il-possibbiltà li jikkuntattjaw lil organizzazzjonijiet li jipprovdu informazzjoni u assistenza legali kif imsemmi fl-Artikolu 8(4) u li jiġu kkuntattjati minnhom, kif ukoll*** l-obbligu li jibqgħu fil-faċilitajiet iddeżinjati matul l-iskrinjar.

Or. en

Emenda 591
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) dwar id-dritt tagħhom li jikkuntattjaw organizzazzjonijiet, korpi u individwi u li dawn iżuruhom, kif imsemmi fl-Artikolu 8, li jipprovdu informazzjoni u assistenza legali u dwar id-dritt tagħhom li jikkuntattjaw il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ previst fl-Artikolu 7;

Or. en

Emenda 592
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-possibbiltà u l-modalitajiet kif japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, jew forom oħra ta' protezzjoni kif applikabbli fil-liġi nazzjonali, kif ukoll il-proċeduri li jsegwu t-tressiq ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 593
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], kif ukoll dwar kondizzjonijiet oħra ta' dħul, soġġorn u residenza tal-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 594
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) id-dritt tagħhom u l-modalitajiet li jiġu riunifikati ma' membru tal-familja jew qarib preżenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

Or. en

Emenda 595
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) id-dritt tagħhom u l-modalitajiet biex japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali jew forom oħra ta' protezzjoni skont il-liġi nazzjonali kif ukoll il-proċedura ta' rilokazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni awtomatika stabbilit bir-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni];

Or. en

Emenda 596
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) l-obbligu ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż b'mod irregolari skont id-Direttiva XXXXX [id-Direttiva dwar ir-Ritorn];

Or. en

Emenda 597
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bd) il-possibbiltajiet li jirreġistraw fi programm li jipprovdi assistenza loġistika, finanzjarja u materjali jew in natura oħra bil-għan li jiġi appoġġat it-tluq volontarju;

Or. en

Emenda 598
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt be (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(be) il-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fir-rilokazzjoni skont l-Artikolu XX tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [dak li kien ir-Regolament ta' Dublin];

Or. en

Emenda 599
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bf) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679 [GDPR];

Or. en

Emenda 600
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bg) il-finijiet għat-teħid ta' data bijometrika, u l-lista sħiħa tal-bażijiet tad-data nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti li l-awtorità kompetenti ser tfittex f'konformità mal-Artikoli 10 u 11;

Or. en

Emenda 601
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bh (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bh) informazzjoni dwar id-dritt li l-informazzjoni tiġi rettifikata u supplimentata;

Or. en

Emenda 602
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bi (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bi) il-possibbiltà li jikkuntattjaw organizzazzjonijiet, korpi u individwi u li dawn iżuruhom, kif imsemmi fl-Artikoli 6(1) u 8(4) li jipprovdu informazzjoni u

assistenza legali;

Or. en

Emenda 603
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bj (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bj) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet ta' soġġorn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-proċeduri ta' residenza relatati tal-Istat Membru.

Or. en

Emenda 604
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Matul l-iskrinjar, huma għandhom jirċievu wkoll, kif xieraq, informazzjoni dwar:	***imħassar***
(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul, soġġorn u residenza tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn din l-informazzjoni ma tkunx diġà ngħatat;	
(b) fejn ikunu applikaw, jew ikun hemm indikazzjonijiet li jixtiequ japplikaw, għall-protezzjoni internazzjonali, informazzjoni dwar l-obbligu li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew soġġorn	

legali stabbilit fl-Artikolu [9(1) u (2)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [l-ex-Regolament ta' Dublin], il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu [10(1)] ta' dak ir-Regolament, u l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament kif ukoll dwar il-proċeduri li jsegwu t-twettiq ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) l-obbligu ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment skont id-Direttiva XXXXX [id-Direttiva dwar ir-Ritorn];

(d) il-possibbiltajiet li jirreġistraw fi programm li jipprovdi assistenza loġistika, finanzjarja u materjali jew in natura oħra bil-għan li jiġi appoġġat it-tluq volontarju;

(e) il-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fir-rilokazzjoni skont l-Artikolu XX tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ex-Dublin];

(f) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679[35][GDPR];

---

[35] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016

Or. en

Emenda 605
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Matul l-iskrinjar, huma*** għandhom ***jirċievu wkoll, kif xieraq***, ***informazzjoni*** dwar:	2. ***Fil-bidu tal-iskrinjar, l-Istati Membri*** għandhom ***jipprovdu informazzjoni ċara f'lingwa li kull persuna soġġetta għal skrinjar tkun tifhem***, dwar:

Or. en

Emenda 606
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul, soġġorn u residenza tal-Istat Membru kkonċernat***, *sa fejn din l-informazzjoni ma tkunx diġà ngħatat***;	(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul, soġġorn u residenza tal-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 607
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta'	(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta'

Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul, soġġorn u residenza tal-Istat Membru kkonċernat***, sa fejn din l-informazzjoni ma tkunx diġà ngħatat***;	Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul, soġġorn u residenza tal-Istat Membru kkonċernat;

Or. en

Emenda 608
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul***, soġġorn u residenza*** tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn din l-informazzjoni ma tkunx diġà ngħatat;	(a) ir-regoli applikabbli dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (Nru) 2016/399 [Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tad-dħul tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn din l-informazzjoni ma tkunx diġà ngħatat;

Or. en

Emenda 609
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fejn ikunu applikaw, jew ikun hemm indikazzjonijiet li jixtiequ japplikaw, għall-protezzjoni internazzjonali,*** informazzjoni dwar l-obbligu li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew soġġorn legali stabbilit fl-Artikolu [9(1) u (2)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [l-ex-Regolament ta' Dublin],	(b) informazzjoni dwar l-obbligu li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew soġġorn legali stabbilit fl-Artikolu [9(1) u (2)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [l-ex-Regolament ta' Dublin], il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu [10(1)] ta' dak ir-Regolament, u l-informazzjoni stabbilita fl-

il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu [10(1)] ta' dak ir-Regolament, u l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament kif ukoll dwar il-proċeduri li jsegwu t-twettiq ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;	Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament kif ukoll dwar il-proċeduri li jsegwu t-twettiq ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 610
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-obbligu ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***illegalment*** skont id-Direttiva XXXXX [id-Direttiva dwar ir-Ritorn];	(c) l-obbligu ta' ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***, fejn xieraq,*** li jkunu qegħdin fil-pajjiż skont id-Direttiva XXXXX [id-Direttiva dwar ir-Ritorn];

Or. en

Emenda 611
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fir-rilokazzjoni skont l-Artikolu XX tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament ex-Dublin];	***imħassar***

Or. en

Emenda 612

Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***l-informazzjoni msemmija*** fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679[35] ***[GDPR];***	(f) ***id-drittijiet imsemmija*** fl-Artikolu 13 ***u fl-Artikoli 15 sa 19 inklużi*** tar-Regolament (UE) 2016/679[35] ***[GDPR], fl-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680 [id-Direttiva tal-Pulizija] u fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1725.***
[35] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016	[35] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016

Or. en

Emenda 613
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ittestjar tal-għadam biex jiġi kkonfermat jew annullat status ta' minorenni.

Or. fr

Emenda 614
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. ***Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.***	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni.

Or. en

Emenda 615
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem ***jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem***. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni***. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa ***u f'format*** li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u ***bil-fomm bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni u lingwaġġ ċar, inkluż bl-appoġġ ta' medjaturi kulturali mħarrġa adegwatament***. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna***, minn professjonisti mħarrġa kif xieraq u fil-preżenza tar-rappreżentant maħtur skont l-Artikolu 9a f'każ ta' minorenni mhux akkumpanjati***.

Or. en

Emenda 616

Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa ***li ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem***. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ,*** b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa ***u f'format li jiftehmu miċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni***, fejn meħtieġ***. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna. ***Meta l-persuna tkun tifel jew tifla, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mod adattat għat-tfal.***

Or. en

Emenda 617
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ***ċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz ***jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem***. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u***, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni***. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ***jifhem iċ-ċittadin*** ta' pajjiż terz. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u ***bil-fomm bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni, inkluż bl-appoġġ ta' medjaturi kulturali mħarrġa adegwatament***. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.

Or. en

Emenda 618
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub ***u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali,*** fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub ***jew*** fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età u l-ġeneru tal-persuna.

Or. en

Emenda 619
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età ***u l-ġeneru*** tal-persuna.	3. L-informazzjoni pprovduta waqt l-iskrinjar għandha tingħata f'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jkun raġonevolment mistenni li jifhem. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub u, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn meħtieġ, b'mod orali bl-użu ta' servizzi ta' interpretazzjoni. Din għandha tiġi pprovduta b'mod xieraq filwaqt li jitqiesu l-età tal-persuna.

Or. en

Emenda 620
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-informazzjoni lit-tfal għandha tiġi pprovduta b'mod adattat għat-tfal, kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm minn persunal imħarreġ b'mod adattat, u fil-preżenza tar-rappreżentant maħtur skont l-Artikolu 9a fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati.

Or. en

Emenda 621
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta fl-istess ħin bħall-informazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil].
	L-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex ikunu disponibbli servizzi ta' interpretazzjoni u, jekk ikun meħtieġ u xieraq, servizzi ta' medjazzjoni kulturali li jiffaċilitaw l-aċċess għall-proċedura għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 622
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 623
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 624
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul	4. L-Istati Membri ***għandhom*** jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni ***u assistenza*** skont dan l-

l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 625
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***biex*** jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	4. L-Istati Membri ***għandhom*** jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti ***u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jaċċessaw faċilitajiet rilevanti sabiex*** jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***, f'kundizzjonijiet sikuri u adegwati,*** b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 626
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet	4. L-Istati Membri ***għandhom*** jawtorizzaw organizzazzjonijiet u korpi nazzjonali, internazzjonali u mhux governattivi rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu ***u konsulenza legali*** matul l-iskrinjar skont

stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 627
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ***organizzazzjonijiet u*** korpi nazzjonali***, internazzjonali u mhux governattivi*** rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw korpi nazzjonali rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 628
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ***organizzazzjonijiet u*** korpi nazzjonali***, internazzjonali u mhux governattivi*** rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.	4. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw korpi nazzjonali ***u internazzjonali*** rilevanti u kompetenti biex jipprovdu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'informazzjoni skont dan l-artikolu matul l-iskrinjar skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 629
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 8a
	Id-dritt għall-informazzjoni u r-rettifika
	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar se jirċievu kopja tad-data personali kollha pproċessata u tal-informazzjoni rreġistrata dwarhom skont dan ir-Regolament f'forma elettronika u fuq il-karta direttament wara l-proċedura ta' skrinjar. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi se jkollhom id-dritt li jiksbu kopja oħra tad-data personali kollha pproċessata u tal-informazzjoni rreġistrata dwarhom skont dan ir-Regolament sakemm tibqa' maħżuna l-informazzjoni.
	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandu jkollhom id-dritt li jkunu jafu l-perjodu eżatt taż-żamma tad-data kollha maħżuna u pproċessata tagħhom, inkluża fil-formola jew fl-Anness. Barra minn hekk, huma għandu jkollhom id-dritt li jirrettifikaw jew jissupplimentaw id-data personali miġbura matul il-proċedura ta' skrinjar jew kwalunkwe informazzjoni li jkunu pprovdew matul il-proċedura ta' skrinjar, b'mod partikolari dik imsemmija fl-Artikoli 10 u fil-formola ta' debriefing fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 630
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Artikolu 8a
	Id-dritt għall-informazzjoni u r-rettifika
	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar se jirċievu kopja tad-data personali kollha pproċessata u tal-informazzjoni rreġistrata dwarhom skont dan ir-Regolament f'forma elettronika u fuq il-karta direttament wara l-proċedura ta' skrinjar. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi se jkollhom id-dritt li jiksbu kopja oħra tad-data personali kollha pproċessata u tal-informazzjoni rreġistrata dwarhom skont dan ir-Regolament sakemm tibqa' maħżuna l-informazzjoni.
	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar għandu jkollhom id-dritt li jkunu jafu l-perjodu eżatt taż-żamma tad-data kollha maħżuna u pproċessata tagħhom, inkluża fil-formola jew fl-Anness.Barra minn hekk, huma għandu jkollhom id-dritt li jirrettifikaw jew jissupplimentaw id-data personali miġbura matul il-proċedura ta' skrinjar jew kwalunkwe informazzjoni li jkunu pprovdew matul il-proċedura ta' skrinjar, b'mod partikolari dik imsemmija fl-Artikoli 10 u 13 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 631
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Verifiki tas-saħħa ***u vulnerabbiltajiet***	Verifiki tas-saħħa ***preliminari***

Or. en

Emenda 632
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika***, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F'dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni b'dan***.	1. Iċ-ċittadini ***kollha*** ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari ***minn professjonisti mediċi kwalifikati u mħarrġa b'mod adegwat*** bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura ***tas-saħħa*** immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 633
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata ***jew*** iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika***, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini***	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari ***minn professjonisti mediċi kwalifikati*** bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata ***u fit-tul, kif ukoll*** iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika.

ta' pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F'dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni b'dan.

Or. en

Emenda 634
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika***, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F'dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni b'dan***.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 ***dejjem*** għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 635
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta’ kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta’ saħħa pubblika***, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F’dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni b’dan***.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari ***minn professjonisti mediċi kwalifikati*** bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika.

Or. en

Emenda 636
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija ***fl-Artikolu 3*** għandhom ikunu soġġetti għal eżami ***mediku*** preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta’ kura immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta’ saħħa pubblika, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F’dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni b’dan.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar imsemmija ***fl-Artikoli 3 u 5*** għandhom ikunu soġġetti għal eżami preliminari bil-ħsieb li tiġi identifikata kwalunkwe ħtieġa ta' kura ***tas-saħħa*** immedjata jew iżolament minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, sakemm, abbażi taċ-ċirkostanzi li jkunu jikkonċernaw l-istat ġenerali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi individwali kkonċernati u r-raġunijiet għaliex ikunu ġew riferuti għall-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu sodisfatti li ma jkun meħtieġ l-ebda skrinjar mediku preliminari. F'dak il-każ, huma għandhom jinfurmaw lil dawk il-persuni b'dan. ***Fejn jitqies meħtieġ abbażi tal-eżami preliminari, ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-***

Artikolu 3 5 għandhom ikunu soġġetti għal kontroll tas-saħħa.

Or. en

Emenda 637
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a Għal dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali, il-verifika tas-saħħa msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tifforma parti mill-eżami mediku kif stabbilit fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil].

Or. en

Emenda 638
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn ikun rilevanti, għandu jiġi vverifikat jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali ***skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni]***.	2. Fejn ikun rilevanti, għandu jiġi vverifikat jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali.

Or. en

Emenda 639
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn ikun rilevanti, għandu jiġi vverifikat*** jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli***,*** vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu ***20*** tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni].	2. ***Il-professjonisti mediċi għandhom jivverifikaw*** jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli ***jew humiex*** vittmi tat-tortura jew ***ta' trattament degradanti u inuman ieħor, humiex apolidi jew f'riskju ta' apolidija, jew*** għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu ***21*** tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni***] u tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil***].

Or. en

Emenda 640
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn ikun rilevanti, għandu jiġi vverifikat*** jekk il-persuni ***msemmija fil-paragrafu 1*** humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu ***20*** tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni].	2. ***L-Istati Membri għandhom jevalwaw*** jekk il-persuni ***li huma soġġetti ta' skrinjar*** humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, ***humiex*** vittmi tat-tortura***, humiex apolidi jew f'riskju ta' apolidija,*** jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu ***21*** tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni***] u tal-Artikolu 20 tar-***

***Regolament (UE) xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Aż**il*].

Or. en

Emenda 641
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn ikun rilevanti***, għandu jiġi vverifikat jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni].	2. ***Barra minn hekk***, għandu jiġi vverifikat jekk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 humiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, ***li tista' tinkludi lil*** vittmi tat-tortura jew għandhomx ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza [riformulazzjoni].

Or. en

Emenda 642
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fejn persuna tiddikjara li ma għandha l-ebda nazzjonalità jew meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li persuna tista' tkun apolida, dan għandu jiġi rreġistrat b'mod ċar sakemm jiġi ddeterminat jekk il-persuna hijiex apolida fi proċedura separata.

Or. en

Emenda 643
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu. Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal.	***imħassar***

Or. en

Emenda 644
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ***għandu*** jirċievi appoġġ ***f'waqtu u adegwat*** fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu. ***Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal.***	3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ***jista'*** jirċievi appoġġ fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu.

Or. en

Emenda 645
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu***. *Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal***.	3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu ***f'faċilitajiet adegwati fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru***. ***Il-minorenni u l-persuni identifikati bħala vulnerabbli jew bi bżonnijiet speċjali għandu jkollhom aċċess għall-istess livell ta' appoġġ li għandhom l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont il-Kapitolu IV tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza u, jekk japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, għandhom jiġu riferuti għall-proċedura normali tal-ażil.Ma għandhomx ikunu soġġetti għal detenzjoni.*** ***Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ b'mod adegwat għat-tfal minn persunal adegwatament imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal.***

Or. en

Emenda 646
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu. Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal.	3. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet ta' akkoljenza jew proċedurali speċjali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu. Fil-każ tal-minorenni, għandu jingħata appoġġ minn persunal imħarreġ u kkwalifikat biex jittratta l-minorenni, u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tat-tfal. ***Il-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà matul il-proċedura ta' skrinjar huma mingħajr preġudizzju għall-kontrolli obbligatorji tal-vulnerabbiltà fi proċeduri sussegwenti tal-ażil u tar-ritorn.***

Or. en

Emenda 647
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, l-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant biex jassisti u jirrappreżenta lill-minorenni u dan il-minorenni għandu jiġi infurmat b'dan.Fejn applikabbli, dan ir-rappreżentant għandu jkun l-istess persuna bħar-rappreżentant li għandu jinħatar f'konformità mal-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza].Il-minorenni mhux akkumpanjat għandu jiġi infurmat immedjatament bil-ħatra tar-rappreżentant.

Ir-rappreżentant għandu jwettaq dmirijietu f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minorenni u għandu jkollu l-għarfien espert meħtieġ għal dak il-għan. Sabiex jiġi żgurat il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni l-persuna li taġixxi bħala rappreżentant għandha tinbidel biss meta jkun meħtieġ.L-organizzazzjonijiet jew individwi li l-interessi tagħhom ma jaqblux jew jistgħu potenzjalment ma jaqblux ma' dawk tal-minorenni mhux akkumpanjat ma għandhomx ikunu eliġibbli li jsiru rappreżentanti.

L-Istati Membri għandhom jinkarigaw persuna fiżika li tkun nominata bħala rappreżentant jew il-persuna msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza] minn għadd proporzjonat u limitat ta' minorenni mhux akkumpanjati fl-istess ħin biex jiġi żgurat li hu jew hi jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 648
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti kollha f'sitwazzjoni vulnerabbli jiġu diretti immedjatament għall-proċedura regolari tal-ażil jew tar-ritorn regolari u li l-applikanti kollha fil-bżonn jingħataw aċċess rapidu għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 649
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi taċ-ċirkostanzi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 650
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi taċ-ċirkostanzi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 651
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi taċ-ċirkostanzi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 652
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi ***taċ-ċirkostanzi***, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi ***fl-Artikolu*** 5 għandhom ikunu soġġetti għal ***eżami mediku preliminari, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament***.	4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi ***ta' dubji sostanzjati***, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi ***fl-Artikoli 3 u*** 5 għandhom ikunu soġġetti għal ***valutazzjoni tal-età jew proċeduri oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex jiġu vverifikati l-vulnerabbiltajiet tagħhom***.

Or. en

Emenda 653
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi taċ-ċirkostanzi, iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari, b’mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament.	4. Fejn jitqies meħtieġ abbażi taċ-ċirkostanzi, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 5 għandhom ikunu soġġetti għal eżami mediku preliminari, b'mod partikolari biex tiġi identifikata kwalunkwe kundizzjoni medika li teħtieġ kura immedjata, assistenza speċjali jew iżolament. ***Dan l-eżami għandu jitwettaq mill-awtoritajiet tas-saħħa kompetenti fl-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 654
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Verifika preliminari dwar il-vulnerabilità
	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar imsemmi fl-Artikolu 3 għandhom ikunu soġġetti għal verifika preliminari tal-vulnerabbiltà bil-ħsieb li jiġu identifikati kwalunkwe vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet proċedurali u ta' akkoljenza speċifiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), punt 13, tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Dan il-kontroll preliminari tal-vulnerabbiltà għandu jkun mingħajr preġudizzju għal valutazzjoni sħiħa tal-vulnerabbiltà fil-proċedura li jmiss kif imsemmi fl-Artikolu 21 ta' dik id-Direttiva.
	2. Il-verifika tal-vulnerabbiltà għandha ssir minn persunal imħarreġ speċifikament għal dak il-għan u f'konformità mal-lista fl-Artikolu 20 tad-

Direttiva (UE) XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza]. Għandu jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed persunal biex iwettaq dawn il-kontrolli bir-reqqa u b'mod effiċjenti.

3. Meta jkun hemm indikazzjonijiet inizjali ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet speċifiċi ta' akkoljenza jew proċedurali, irid jiġi żgurat li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jirċievi appoġġ f'waqtu u adegwat fid-dawl tas-saħħa fiżika u mentali tiegħu matul il-proċess ta' skrinjar u li dan jitkompla fil-proċedura li jmiss li l-persuna tiġi riferuta għalih. Jekk il-miżuri ta' skrinjar jammontaw għal detenzjoni, għandhom japplikaw alternattivi għad-detenzjoni jew miżuri inqas koerċittivi.

4. L-indikazzjonijiet inizjali ta' vulnerabbiltajiet jew ħtiġijiet speċifiċi ta' akkoljenza jew proċedurali jridu jiġu indikati b'mod ċar fuq il-formola ta' debriefing.

Or. en

Emenda 655
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9a
	Rappreżentant għal minorenni mhux akkumpanjati
	L-Istati Membri għandhom mill-aktar fis possibbli, u qabel ma jibda l-iskrinjar, jaħtru rappreżentant għal minorenni mhux akkumpanjati. Il-minorenni għandu jiġi infurmat immedjatament bid-dritt tiegħu li jkollu rappreżentant. Ir-rappreżentant għandu jwettaq dmirijietu f'konformità mal-prinċipju tal-aħjar

interessi tat-tfal. Ir-rappreżentant għandu jkollu r-riżorsi, il-kwalifiki, it-taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati, u għandu jinforma lit-tifel jew it-tifla kif xieraq dwar il-proċedura.

Or. en

Emenda 656
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 9b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 9b
	Garanziji speċjali għal minorenni mhux akkompanjati
	1. L-aħjar interess tat-tfal għandu jkun it-tħassib ewlieni f'kull pass tal-iskrinjar, f'konformità mas-salvagwardji previsti fid-Direttiva (UE) XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza], b'mod partikolari l-Artikoli 11, 12, 13, 14, 20, 21, 22 u 23.
	2. Minorenni, kemm jekk akkumpanjati kif ukoll jekk mhux akkumpanjati, għandhom jitqiesu bħala applikanti li jeħtieġu garanziji proċedurali speċifiċi.
	3. Il-gwardjani maħtura ta' minorenni mhux akkumpanjati kif imsemmi fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom il-kwalifiki u l-għarfien espert meħtieġa u jirċievu taħriġ kontinwu u xieraq għal dak il-għan, u ma għandux

ikollhom rekord kriminali vverifikat, b'attenzjoni partikolari għal kwalunkwe reat relatat mat-tfal. Wara l-ħatra tiegħu/tagħha, ir-rekord kriminali tal-kustodja għandu jiġi rieżaminat b'mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti biex ikunu identifikati inkompatibbiltajiet potenzjali mar-rwol tiegħu jew tagħha.

4. L-iskrinjar ma għandux jinvolvi proċedura ta' valutazzjoni tal-età.

Or. en

Emenda 657
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa fejn dan ikun għadu ma sarx matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha tiġi vverifikata jew stabbilita, billi ***jintużaw b'mod partikolari*** dan li ġej***, flimkien ma' bażijiet tad-data nazzjonali u Ewropej***:	1. Sa fejn dan ikun għadu ma sarx matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha tiġi vverifikata jew stabbilita, billi ***fejn applikabbli jintuża*** dan li ġej:

Or. en

Emenda 658
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa fejn dan ikun għadu ma sarx matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-identità ta'	1. Sa fejn dan ikun għadu ma sarx matul l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-identità ta'

ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha tiġi vverifikata ***jew stabbilita***, billi ***jintużaw*** b’mod partikolari dan li ġej***, flimkien ma’ bażijiet tad-data nazzjonali u Ewropej***:	ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha tiġi vverifikata, billi ***jintuża*** b'mod partikolari dan li ġej:

Or. en

Emenda 659
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***dokumenti*** tal-identità, tal-ivvjaġġar jew ***oħrajn***;	(a) ***dokument*** tal-identità, tal-ivvjaġġar jew ***kwalunkwe dokument ieħor***;

Or. fr

Emenda 660
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-data jew l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ikkonċernat ***jew miksuba mingħandu***; u	(b) id-data jew l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat; u

Or. en

Emenda 661
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-data jew l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ***jew miksuba mingħandu***; u	(b) id-data jew l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat; u

Or. en

Emenda 662
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-data jew l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ***jew miksuba mingħandu***; u	(b) id-data jew l-informazzjoni pprovduta miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat; u

Or. en

Emenda 663
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) data ***bijometrika***;	(c) data ***bijometrikakif definita fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac]***;

Or. en

Emenda 664
Peter Kofod, Jaak Madison, Laura Huhtasaari, Tom Vandendriessche, Nicolaus Fest, Roman Haider, Nicolas Bay, Jean-Paul Garraud, Harald Vilimsky, Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) data bijometrika;	(c) data bijometrika***, inkluż ittestjar tad-DNA għall-età***;

Or. en

Emenda 665
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) data bijometrika;	(c) data bijometrika ***u dwar id-DNA***;

Or. en

Emenda 666
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ittestjar tal-għadam fil-każ ta' kwalunkwe dubju dwar l-istatus ta' minorenni ta' migrant.

Or. fr

Emenda 667
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu ***fi kwalunkwe***	2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fir-

bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz ***li tkun ittieħdet dak il-ħin*** matul l-iskrinjar***, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan***.

Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz ***għandha tittieħed darba biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament xxxx/xxxx [ir-Regolament Eurodac]. Ma għandha tintuża l-ebda forza jew koerċizzjoni biex jiġi żgurat it-teħid ta' data personali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluża data bijometrika. L-użu ta' data bijometrika pprovduta*** matul l-iskrinjar ***għall-finijiet ta' taħriġ, skjerament jew użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku, fil-fruntieri jew madwarhom jew ġewwa u fil-faċilitajiet ta' akkoljenza għandu jkun ipprojbit***.

Or. en

Emenda 668
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini ***tal-identifikazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu ***fi kwalunkwe bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll*** fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz ***li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan***.	2. Għall-fini ***tal-verifika jew l-identifikazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz ***meħud live matul l-iskrinjar għandha tittieħed darba biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-reġistrazzjoni tagħha fil-Eurodac. Ma għandha tintuża l-ebda forza jew koerċizzjoni biex jiġi żgurat it-teħid ta' data personali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluża data bijometrika. L-użu ta' data bijometrika pprovduta matul l-iskrinjar għall-finijiet ta' taħriġ,***

skjerament jew użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku, fil-fruntieri jew madwarhom jew ġewwa u fil-faċilitajiet ta' akkoljenza għandu jkun ipprojbit.

Or. en

Emenda 669
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***ifittxu*** fi kwalunkwe bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan.	2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jagħmlu użu mill-għodod tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Identitajiet (IDMS) u jfittxu*** fi kwalunkwe bażi tad-data nazzjonali ***u internazzjonali*** rilevanti***,*** kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 670
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fi kwalunkwe	2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fi kwalunkwe

bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta’ Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan.	bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ***u dwar l-ittestjar tal-għadam*** ta' ċittadin ta' pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan.

Or. fr

Emenda 671
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fi kwalunkwe bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta’ Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta’ ċittadin ta’ pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan.	2. Għall-fini tal-identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ***ddeżinjati*** għandhom ifittxu fi kwalunkwe bażi tad-data nazzjonali rilevanti kif ukoll fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR) imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/817. Id-data bijometrika ta' ċittadin ta' pajjiż terz li tkun ittieħdet dak il-ħin matul l-iskrinjar, kif ukoll id-data dwar l-identità u, fejn disponibbli, id-data dwar id-dokumenti tal-ivvjaġġar, għandhom jintużaw għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 672
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a), l-Istati Membri jistgħu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, ifittxu l-proprjetà, l-oġġetti personali u l-apparat elettroniku ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.
	Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għandu jiżgura li l-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Or. en

Emenda 673
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu appoġġati mill-Korp Permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi sottomessi għall-iskrinjar skont l-Artikolu 40(4)(a) u l-Artikolu 55(7)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Emenda 674
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	4a. It-tfittxija fir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) għandha tkun limitata għal konsultazzjoni pura. Il-ħżin jew l-użu ta' data għal skopijiet oħra għajr l-identifikazzjoni tal-individwu għandu jkun strettament ipprojbit.

Or. en

Emenda 675
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha ssirilhom verifika ***tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna***. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat ***għandha tapplika*** għal kwalunkwe tiftix li jsir.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha ssirilhom verifika ***dwar jekk humiex irreġistrati wkoll f'xi waħda mill-bażijiet tad-data rilevanti***. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat ***kif ukoll il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità għandhom japplikaw*** għal kwalunkwe tiftix li jsir. ***Il-kontroll tas-sigurtà ma għandux jinkludi aċċess għal apparati elettroniċi fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u lanqas aċċess għall-komunikazzjonijiet privati jew għall-kontijiet tal-midja soċjali tagħhom. Il-kontroll tas-sigurtà għandu jkun ukoll parti mill-elementi u l-azzjonijiet possibbli li jiġu skrutinizzati mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 7.***

Or. en

Emenda 676
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 5 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna***. Il-verifika*** tas-sigurtà ***tista' tkopri*** kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll ***l-oġġetti fil-pussess tagħhom***. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 5 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna ***jew il-koeżjoni soċjali. Il-kontroll*** tas-sigurtà ***jista' jkopri*** kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***, l-oġġetti fil-pussess tagħhom, it-tagħmir elettroniku li jrid jinfetaħ fuq talba tal-awtoritajiet, inkluż l-għoti ta' aċċess għal kwalunkwe applikazzjoni ta' messaġġi, preżenza online*** kif ukoll ***kwalunkwe pubblikazzjoni, midja jew reġistrazzjoni***. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.

Or. en

Emenda 677
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà***, skont it-tifsira tal-paragrafu 2,*** biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir. ***Il-kontroll tas-sigurtà ma għandux jinkludi aċċess għal apparati elettroniċi fil-pussess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u lanqas aċċess għall-***

komunikazzjonijiet privati jew għall-kontijiet tal-media soċjali tagħhom.

Or. en

Emenda 678
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 ***jew l-Artikolu 5*** għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat ***għandha tapplika*** għal kwalunkwe tiftix li jsir.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat***, il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità kif ukoll il-GDPR għandhom japplikaw*** għal kwalunkwe tiftix li jsir ***u għandhom jiġu skrutinizzati mill-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali stabbilit skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 679
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 5 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu soġġetti għall-iskrinjar skont l-Artikolu 3 jew l-Artikolu 5 għandha ssirilhom verifika tas-sigurtà biex jiġi vverifikat li ma jikkostitwixxux theddida għas-sigurtà

interna. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.	interna ***jew nazzjonali, għall-ordni pubbliku jew għall-koeżjoni soċjali***. Il-verifika tas-sigurtà tista' tkopri kemm iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll l-oġġetti fil-pussess tagħhom. Il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat għandha tapplika għal kwalunkwe tiftix li jsir.

Or. en

Emenda 680
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ma jkunux diġà għamlu dan f'konformità mal-Artikolu 8(3), il-punt (a)(vi), tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***ifittxu fil-bażijiet tad-data nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)***.	2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ma jkunux diġà għamlu dan f'konformità mal-Artikolu 8(3), il-punt (a)(vi), tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***ivaraw tiftix bi qbil mal-Artikolu 12***.

Or. en

Emenda 681
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ma jkunux diġà ***għamlu dan*** f'konformità mal-Artikolu 8(3), il-punt (a)(vi), tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu ***fil-bażijiet***	2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ***dawn il-verifiki*** ma jkunux diġà ***seħħew*** f'konformità mal-Artikolu 8(3), il-punt (a)(vi), tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu

tad-data nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).	fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

Or. en

Emenda 682
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ma jkunux diġà għamlu dan f'konformità mal-Artikolu 8(3), il-punt (a)(vi), tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifittxu fil-bażijiet tad-data nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).	2. Bil-għan li titwettaq il-verifika tas-sigurtà msemmija fil-paragrafu 1, u sa fejn ma jkunux diġà għamlu dan f'konformità mal-Artikolu 8(3), il-punt (a)(vi), tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtoritajiet kompetenti ***ddeżinjati biex iwettqu l-iskrinjar*** għandhom ifittxu fil-bażijiet tad-data nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).

Or. en

Emenda 683
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ma jkunx diġà sar dan matul il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtorità kompetenti għandha tfittex fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluża l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS imsemmija fl-	***imħassar***

Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-sistema ECRIS-TCN sa fejn huma kkonċernati l-kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol ipproċessata għall-fini msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794, u l-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol bid-data msemmija fl-Artikolu 10(1) u bl-użu mill-inqas tad-data msemmija fil-punt (c) tiegħu.

Or. en

Emenda 684
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ma jkunx diġà sar dan matul il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtorità kompetenti għandha tfittex fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluża l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-sistema ECRIS-TCN sa fejn huma kkonċernati l-kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol ipproċessata għall-fini msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794, u l-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol bid-data msemmija fl-Artikolu 10(1) u bl-użu mill-inqas tad-data msemmija fil-punt (c) tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 685
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sa fejn ma jkunx diġà sar dan matul il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtorità kompetenti għandha tfittex fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluża l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-sistema ECRIS-TCN sa fejn huma kkonċernati l-kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol ipproċessata għall-fini msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794, u l-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol bid-data msemmija fl-Artikolu 10(1) u bl-użu mill-inqas tad-data msemmija fil-punt (c) tiegħu.	3. Sa fejn ma jkunx diġà sar dan matul il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2016/399, l-awtorità kompetenti ***ddeżinjata*** għandha tfittex fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), inkluża l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-sistema ECRIS-TCN sa fejn huma kkonċernati l-kundanni relatati ma' reati terroristiċi u forom oħra ta' reati kriminali serji, id-data tal-Europol ipproċessata għall-fini msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2016/794, u l-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol bid-data msemmija fl-Artikolu 10(1) u bl-użu mill-inqas tad-data msemmija fil-punt (c) tiegħu.

Or. en

Emenda 686
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-	***imħassar***

EES, l-ETIAS u l-VIS skont il-paragrafu 3, id-data miksuba għandha tkun limitata għall-indikazzjoni ta' rifjuti ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, rifjuti ta' dħul, jew deċiżjonijiet ta' rifjut, annullament jew revoka ta' viża jew permess ta' residenza, li huma bbażati fuq raġunijiet ta' sigurtà.

Or. en

Emenda 687
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-EES***, l-ETIAS*** u l-VIS skont il-paragrafu 3, id-data miksuba għandha tkun limitata għall-indikazzjoni ta' rifjuti ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, rifjuti ta' dħul, jew deċiżjonijiet ta' rifjut, annullament jew revoka ta' viża jew permess ta' residenza, li huma bbażati fuq raġunijiet ta' sigurtà.	4. Fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-EES u l-VIS skont il-paragrafu 3, id-data miksuba għandha tkun limitata għall-indikazzjoni ta' rifjuti ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar, rifjuti ta' dħul, jew deċiżjonijiet ta' rifjut, annullament jew revoka ta' viża jew permess ta' residenza, li huma bbażati fuq raġunijiet ta' sigurtà. ***L-aċċess għas-CIR u l-użu tal-ESP mill-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu limitati sal-punt li dan ikun strettament meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi tagħhom f'konformità ma' dawk il-finijiet, u għandhom ikunu proporzjonati għall-objettivi li jridu jintlaħqu.***

Or. en

Emenda 688
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċedura u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati għall-ksib tad-data. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 689
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jistabbilixxu l-proċedura u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati għall-ksib tad-data. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).	5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu l-proċedura u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati għall-ksib tad-data***, l-ipproċessar u l-użu tad-data***. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Or. en

Emenda 690
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tiftixiet previsti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) ***jistgħu*** jiġu mnedija, għal tiftixiet relatati mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u s-CIR, bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Kapitolu II tar-Regolament (UE)	1. It-tiftixiet previsti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) ***ta' dan ir-Regolament għandhom*** jiġu mnedija, għal tiftixiet relatati mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u s-CIR, bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Kapitolu II

2019/818[36].

tar-Regolament (UE) 2019/818[36]. ***L-aċċess għas-CIR u l-użu tal-ESP mill-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu limitati sal-punt li d-data tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom f'konformità ma' dawk il-finijiet, u għandhom ikunu proporzjonati għall-objettivi li jridu jintlaħqu. Ma għandha tintuża ebda forza jew koerċizzjoni biex jiġi żgurat it-teħid ta' data personali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluża data bijometrika.***

[36] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta’ informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

[36] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

Or. en

Emenda 691
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-tiftixiet previsti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) ***jistgħu*** jiġu mnedija, għal tiftixiet relatati mas-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE u s-CIR, bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/818[36].	1. It-tiftixiet previsti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11(2) ***għandhom*** jiġu mnedija, għal tiftixiet relatati mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u s-CIR, bl-użu tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/817 u l-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2019/818[36].
[36] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta’	[36] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta'

informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.	informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

Or. en

Emenda 692
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jinkiseb qbil wara tiftixa kif previst fl-Artikolu 11(3) mad-data f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta l-fajl li jikkorrispondi għal dak il-qbil fis-sistema ta' informazzjoni rispettiva sabiex tiddetermina r-riskju għas-sigurtà interna kif imsemmi fl-Artikolu 11(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 693
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jinkiseb qbil wara tiftixa kif previst fl-Artikolu 11(3) mad-data f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta l-fajl li jikkorrispondi għal dak il-qbil fis-sistema ta' informazzjoni rispettiva sabiex tiddetermina r-riskju għas-sigurtà interna kif imsemmi fl-Artikolu 11(1).	***imħassar***

Or. en

Emenda 694
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jinkiseb qbil wara tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) mad-data f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta l-fajl li jikkorrispondi għal dak il-qbil fis-sistema ta' informazzjoni rispettiva sabiex tiddetermina r-riskju għas-sigurtà interna kif imsemmi fl-Artikolu 11(1).	2. Meta jinkiseb qbil wara tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) mad-data f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni, l-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess biex tikkonsulta l-fajl li jikkorrispondi għal dak il-qbil fis-sistema ta' informazzjoni rispettiva sabiex tiddetermina r-riskju għas-sigurtà interna ***jew nazzjonali jew l-ordni pubbliku jew il-politika pubblika*** kif imsemmi fl-Artikolu 11(1).

Or. en

Emenda 695
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) tirrapporta qbil mad-data tal-Europol, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinforma lill-Europol sabiex tieħu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 696
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) tirrapporta qbil mad-data tal-Europol, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinforma lill-Europol sabiex tieħu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 697
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) tirrapporta qbil mal-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinforma lill-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol tal-Istat Membru li nieda t-tiftixa sabiex tieħu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 698
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn tiftixa kif prevista fl-Artikolu 11(3) tirrapporta qbil mal-bażi tad-data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avviżi (Interpol TDAWN) tal-Interpol, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tinforma lill-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol tal-Istat Membru li nieda t-tiftixa sabiex jieħu, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni ta' segwitu xierqa skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 699
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament, biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 700
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar***, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament,*** biex jiġi ddeterminat ***ir-riskju*** għas-sigurtà interna. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).***	5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar biex jiġi ddeterminat ***it-theddid*** għas-sigurtà interna.

Or. en

Emenda 701
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament, biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna. Dawk l-atti ***ta' implimentazzjoni*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).	5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament, biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Or. en

Emenda 702

Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament, biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).	5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċedura għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għat-twettiq tal-iskrinjar, l-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-Interpol, l-unità nazzjonali tal-Europol, u l-awtoritajiet ċentrali ta' ECRIS-TCN, rispettivament, biex jiġi ddeterminat ir-riskju għas-sigurtà interna ***jew nazzjonali jew għall-ordni pubbliku jew il-politika pubblika***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(2).

Or. en

Emenda 703
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13 ***Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 5, jimlew*** il-formola ***fl-Anness I li jkun fiha:***	13 Il-formola ***tal-iskrinjar***

Or. en

Emenda 704
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom***, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 5,*** jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha:	Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha ***l-informazzjoni li ġejja***:

Or. en

Emenda 705
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3 ***u fl-Artikolu 5***, jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha:	Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3, jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha:

Or. en

Emenda 706
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3 ***u fl-Artikolu 5***, jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha:	Malli jitlesta l-iskrinjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fir-rigward tal-persuni msemmija fl-Artikolu 3, jimlew il-formola fl-Anness I li jkun fiha:

Or. en

Emenda 707
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, id-data u l-post tat-twelid u s-sess;	(a) l-isem, id-data u l-post tat-twelid u s-sess***/ġeneru***;

Or. en

Emenda 708
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, id-data u l-post tat-twelid u s-sess;	(a) l-isem, id-data u l-post tat-twelid u s-sess***/ġeneru***;

Or. en

Emenda 709
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) meta rilevanti, it-twettiq ta' test tal-għadam u l-konklużjonijiet ta' dak it-test;

Or. fr

Emenda 710
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ir-riżultat tal-proċedura għad-determinazzjoni tal-età;

Or. en

Emenda 711
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-indikazzjoni inizjali taċ-ċittadinanzi, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;	(b) l-indikazzjoni inizjali taċ-ċittadinanzi ***jew l-apolidija tagħhom***, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;

Or. en

Emenda 712
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-indikazzjoni inizjali taċ-ċittadinanzi, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;	(b) l-indikazzjoni inizjali ***tagħhom*** taċ-ċittadinanzi ***jew tal-apolidija***, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;

Or. en

Emenda 713

Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-indikazzjoni inizjali taċ-ċittadinanzi, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;	(b) l-indikazzjoni inizjali taċ-ċittadinanzi ***jew tal-apolidija***, il-pajjiżi ta' residenza qabel il-wasla u l-lingwi mitkellma;

Or. en

Emenda 714
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-informazzjoni dwar il-verifiki tas-saħħa u tal-vulnerabbiltà mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9 u jekk dawn jinvolvux ħtiġijiet speċifiċi ta' akkoljenza jew proċedurali u, fejn xieraq, il-fatt li dawk il-verifiki ma jkunux tlestew matul il-proċedura ta' skrinjar;

Or. en

Emenda 715
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-informazzjoni rilevanti dwar il-verifiki preliminari tas-saħħa, f'konformità mal-GDPR;

Or. en

Emenda 716
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) l-informazzjoni rilevanti dwar il-verifika preliminari tal-vulnerabbiltajiet kif ukoll il-ħtiġijiet speċifiċi ta' akkoljenza jew proċedurali identifikati u/jew il-verifiki li ma tlestewx matul il-proċedura ta' skrinjar;

Or. en

Emenda 717
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***ir-raġuni*** għall-wasla ***mhux awtorizzata, id-dħul, u, fejn xieraq, ir-residenza jew is-soġġorn illegali, inkluża informazzjoni dwar jekk il-persuna tkunx għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***;	(c) ***ir-raġunijiet*** għall-wasla;

Or. en

Emenda 718
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-raġuni ***għall-wasla mhux awtorizzata, id-dħul, u, fejn xieraq, ir-residenza jew is-soġġorn illegali, inkluża*** informazzjoni dwar jekk il-persuna tkunx għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;	(c) ir-raġuni ***li għaliha twettaq l-iskrinjar u*** informazzjoni dwar jekk il-persuna tkunx għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 719
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***ir-raġuni għall-wasla mhux awtorizzata***, id-dħul***, u, fejn xieraq, ir-residenza jew is-soġġorn illegali***, inkluża informazzjoni dwar jekk il-persuna tkunx għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;	(c) ***iċ-ċirkostanzi tal-wasla***, id-dħul, inkluża informazzjoni dwar jekk il-persuna tkunx għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 720
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-informazzjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux membri tal-familja jew qraba li jinsabu fit-territorju ta' xi wieħed mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 721
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-informazzjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz applikax għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 722
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) ir-riżultati tal-verifiki tas-saħħa u tal-vulnerabbiltajiet skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, inkluża informazzjoni li tindika jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz huwiex f'sitwazzjoni vulnerabbli, huwiex vittma ta' tortura jew għandux ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza jew proċedurali, jew ir-raġunijiet għaliex dawk il-verifiki ma tlestewx matul l-iskrinjar;

Or. en

Emenda 723
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) l-informazzjoni dwar jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandux relazzjonijiet familjali fit-territorju ta' xi

wieħed mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 724
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-informazzjoni miksuba dwar ir-rotot ivvjaġġati, inkluż il-punt tat-tluq, il-postijiet ta' residenza preċedenti, il-pajjiżi terzi ta' tranżitu u dawk fejn setgħet ġiet mitluba jew mogħtija l-protezzjoni kif ukoll id-destinazzjoni maħsuba fl-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 725
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-informazzjoni miksuba dwar ir-rotot ivvjaġġati, inkluż il-punt tat-tluq, il-postijiet ta' residenza preċedenti, il-pajjiżi terzi ta' tranżitu u dawk fejn setgħet ġiet mitluba jew mogħtija l-protezzjoni kif ukoll id-destinazzjoni maħsuba fl-Unjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 726
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-informazzjoni dwar l-assistenza pprovduta minn persuna jew organizzazzjoni kriminali fir-rigward ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każijiet ta' suspett ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 727
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-informazzjoni dwar l-assistenza pprovduta minn persuna jew organizzazzjoni kriminali fir-rigward ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każijiet ta' suspett ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 728
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-informazzjoni dwar l-assistenza pprovduta minn persuna jew organizzazzjoni kriminali fir-rigward ta'	***imħassar***

qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każijiet ta' suspett ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 729
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-informazzjoni dwar l-assistenza pprovduta minn persuna jew organizzazzjoni ***kriminali*** fir-rigward ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każijiet ta' suspett ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.	(e) l-informazzjoni dwar l-assistenza pprovduta minn persuna jew organizzazzjoni fir-rigward ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, u kwalunkwe informazzjoni relatata f'każijiet ta' suspett ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali.

Or. en

Emenda 730
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-informazzjoni dwar membri tal-familja jew qraba adulti preżenti fl-UE kif definit fid-Direttiva (UE) XXX/XXX [riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza];

Or. en

Emenda 731
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-formola għandha tiġi abbozzata b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem u tingħata lill-persuna kkonċernata qabel ma tiġi trażmessa lill-awtoritajiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 14, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jirribatti r-rappreżentazzjoni tal-fatti inklużi fil-formola u jeżerċita b'mod effettiv id-drittijiet minquxa fl-Artikoli 15, 16, 22 u 77 tal-GDPR. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw fil-formola kwalunkwe rimarka jew oġġezzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar l-eżattezza tad-data u tal-informazzjoni inklużi fiha.

Or. en

Emenda 732
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-proċedura għandha tiżgura li l-persuna teżerċita d-dritt tagħha li tinstema' u għal rimedju adegwat. Il-formola ta' debriefing għandha tkun deċiżjoni amministrattiva li tista' tiġi appellata. Il-persuna għandha tirċievi kopja tal-formola ta' debriefing f'lingwa li tifhem u tkun tista' tikkummenta dwar l-informazzjoni li tinsab fiha. Il-persuna għandha tkun assistita minn interpretu. Il-persuna għandu jkollha wkoll aċċess għal proċedura ta' appell biex tikkontesta kwalunkwe informazzjoni pprovduta fil-formola u għandha tingħata parir dwar il-mezzi ta' appell.

Or. en

Emenda 733
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-formola ta' debriefing hija deċiżjoni amministrattiva li tista' tiġi appellata. Il-persuna għandha tingħata parir dwar il-mezzi ta' appell u tirċievi kopja tal-formola ta' debriefing qabel ma l-formola tiġi trażmessa lill-awtoritajiet u tkun tista' tirrieżamina, tirrettifika u tikkontesta l-informazzjoni pprovduta fil-formola ta' debriefing.

Or. en

Emenda 734
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu elettronikament id-data mhux personali miġbura fil-formola fl-Anness I lill-Frontex sabiex jagħtu l-istampa tas-sitwazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2019/1896.

Or. en

Emenda 735
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-formola għandha tiġi abbozzata b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem u tingħata lill-persuna kkonċernata qabel ma tiġi trażmessa lill-awtoritajiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 14, sabiex iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jirribatti r-rappreżentazzjoni tal-fatti inklużi fil-formola u jeżerċita b'mod effettiv id-drittijiet minquxa fl-Artikoli 15, 16, 22 u 77 tal-GDPR.L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw fil-formola kwalunkwe rimarka jew oġġezzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz dwar l-eżattezza tad-data u tal-informazzjoni inklużi fiha.* ***L-informazzjoni inkluża fil-formola għandha tingħata wkoll bil-fomm, bl-għajnuna ta' interpretu fejn meħtieġ. Fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, għandha tingħata informazzjoni u l-formola għandha tingħata fil-preżenza tar-rappreżentant maħtur skont l-Artikolu 9.

Or. en

Emenda 736
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-informazzjoni inkluża fil-formola għandha tingħata wkoll bil-fomm, bl-għajnuna ta' interpretu fejn meħtieġ. Fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati, għandha tingħata informazzjoni u l-formola għandha tingħata fil-preżenza tar-rappreżentant maħtur skont l-

Artikolu 9a.

Or. en

Emenda 737
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14 ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament li***	14 ***Tlestija tal-iskrinjar***

Or. en

Emenda 738
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14 ***Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament li***	14 ***Finalizzazzjoni tal-iskrinjar***

Or. it

Emenda 739
Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Malli jitlesta l-iskrinjar jew, mhux aktar tard minn meta jiskadu l-limiti ta' żmien msemmija fl-Artikolu 6, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin.

Or. it

Emenda 740
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Ladarba jitlesta l-iskrinjar jew, mhux aktar tard minn meta jiskadu l-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 6, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Or. en

Emenda 741
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament li ***— ma applikawx għall-protezzjoni internazzjonali u*** ***— fir-rigward tagħhom l-iskrinjar ma jkunx żvela li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399,*** ***għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn).***	***imħassar***

Or. en

Emenda 742
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija ***fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu*** 3(1) ta' dan ir-Regolament li	Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija ***fl-Artikolu*** 3(1) ta' dan ir-Regolament li

Or. it

Emenda 743
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija ***fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu*** 3(1) ta' dan ir-Regolament li	Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija ***fl-Artikolu*** 3(1) ta' dan ir-Regolament li

Or. en

Emenda 744
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament li	Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fil-punt (a) u (b) tal-Artikolu 3(1) ***u fl-Artikolu 5*** ta' dan ir-Regolament li

Or. en

Emenda 745
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ***ma applikawx għall-protezzjoni internazzjonali u***	— ***imħassar***

Or. en

Emenda 746
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ma ***applikawx*** għall-protezzjoni internazzjonali ***u***	— ma ***ppreżentawx applikazzjoni*** għall-protezzjoni internazzjonali

Or. en

Emenda 747
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— ma ***applikawx*** għall-protezzjoni internazzjonali u	— ma ***esprimewx ix-xewqa tagħhom li japplikaw*** għall-protezzjoni internazzjonali u

Or. en

Emenda 748
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, u

Or. en

Emenda 749
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fir-rigward tagħhom l-iskrinjar ma jkunx żvela li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399,	***imħassar***

Or. en

Emenda 750
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fir-rigward tagħhom l-iskrinjar ma jkunx żvela li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399,	***imħassar***

Or. it

Emenda 751
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— fir-rigward tagħhom l-iskrinjar ma jkunx żvela li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399,	— fir-rigward tagħhom l-iskrinjar ma jkunx żvela li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, ***u***

Or. en

Emenda 752
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	— mhumiex eliġibbli biex japplikaw għal permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, umanitarji jew raġunijiet oħra skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jew dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jew internazzjonali,

Or. en

Emenda 753
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	— mhumiex eliġibbli li jidħlu jew jibqgħu fit-territorju għal kwalunkwe raġuni oħra skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt internazzjonali;

Or. en

Emenda 754
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw ***proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva*** (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn).	għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw ***il-proċeduri previsti fid-Direttiva*** (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn)***, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2016/399***.

Or. en

Emenda 755
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw ***proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva*** (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn).	għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw ***malajr proċeduri f'konformità mad-Direttiva*** (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn).

Or. en

Emenda 756
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw proċeduri li	għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet kompetenti biex japplikaw proċeduri li

jirrispettaw id-Direttiva (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn).	jirrispettaw id-Direttiva (UE) 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn) ***inkluż, fejn applikabbli, l-Artikolu 2(2)(a) ta' dik id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 757
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.	***imħassar***

Or. en

Emenda 758
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul ***jista'*** jiġi rrifjutat ***skont l-Artikolu*** 14 tar-Regolament 2016/399.	***Fil-każijiet kollha***, id-dħul ***għandu*** jiġi rrifjutat ***jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu*** 14 tar-Regolament 2016/399.

Or. en

Emenda 759
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F’każijiet ***mhux*** relatati ma’ operazzjonijiet ta’ tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista’ jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.	F'każijiet relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.

Or. en

Emenda 760
Jean-Paul Garraud, Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F’każijiet mhux relatati ma’ operazzjonijiet ta’ tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista’ jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.	***Anki f'każijiet*** relatati ma' operazzjonijiet ***minn NGOs*** ta' tfittxija u salvataġġ ***ta' migranti***, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.

Or. fr

Emenda 761
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F’każijiet mhux relatati ma’ operazzjonijiet ta’ tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista’ jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399.	F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ ***u biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom ma daħlux fit-territorju tal-Istat Membru u li jkunu f'punt uffiċjali ta' qsim tal-fruntiera fuq l-art jew fl-ajru***, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 14 tar-Regolament 2016/399 ***li jinvolvi, fost affarijiet oħra, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jirċievi deċiżjoni sostanzjata li tiddikjara r-raġunijiet eżatti għar-rifjut tad-dħul u għandu jkollu d-dritt li***

jappella.

Or. en

Emenda 762
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont ***l-Artikolu*** 14 tar-Regolament 2016/399.	F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont ***il-proċedura sħiħa stabbilita fl-Artikolu*** 14 tar-Regolament 2016/399.

Or. en

Emenda 763
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont ***l-Artikolu*** 14 tar-Regolament 2016/399.	F'każijiet mhux relatati ma' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, id-dħul jista' jiġi rrifjutat skont ***il-proċedura stabbilita fl-Artikolu*** 14 tar-Regolament 2016/399.

Or. en

Emenda 764
Tineke Strik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-formola msemmija fl-Artikolu 13	Il-formola msemmija fl-Artikolu 13

għandha tintbagħat lill-awtoritajiet rilevanti li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi rriferut għandhom.	għandha tintbagħat lill-awtoritajiet rilevanti li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jiġi rriferut għandhom***, flimkien mar-raġunijiet fil-liġi u l-fatti li jispjegaw l-għażla għar-riferiment għall-proċedura speċifika. Kemm l-informazzjoni inkluża fil-formola kif ukoll ir-raġunijiet li jakkumpanjaw it-trażmissjoni tal-formola lill-awtoritajiet rilevanti jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet għal appelli u jiġu kkontestati fil-proċedura xierqa rigward l-ażil jew ir-ritorn***.

Or. en

Emenda 765
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każijiet li jinvolvu l-minorenni, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu l-kunsiderazzjoni primarja. Dan jirrikjedi li l-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE (id-Direttiva dwar ir-Ritorn) jistgħu jiġu applikati biss wara li titwettaq proċedura ddokumentata tal-aħjar interessi tat-tfal minn tim multidixxiplinari li jivvaluta u jidentifika soluzzjoni dejjiema. Jekk il-proċedura tikkonkludi li r-ritorn jitqies li huwa fl-aħjar interessi tat-tfal, għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni permezz ta' tluq volontarju b'assistenza speċifika għat-tfal.

Or. en

Emenda 766
Tineke Strik

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jkunu għamlu*** applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. ***F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ta' debriefing kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ikun jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.***	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jippreżentaw, ippreżentaw jew esprimew ix-xewqa li jippreżentaw*** applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet ***kompetenti biex japplikaw il-proċeduri tal-ażil*** imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 767
Pernando Barrena Arza, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Sira Rego, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***jkunu għamlu*** applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet ***imsemmija*** fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil]***, flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan*** ir-Regolament. ***F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ta' debriefing kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ikun jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-***	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ***esprimew ix-xewqa li jippreżentaw, li jippreżentaw jew li ppreżentaw*** applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet ***kompetenti msemmija*** fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Ażil] ***sabiex jiġu applikalti l-proċeduri tal-ażil previsti f'dak*** ir-Regolament.

proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 768
Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Michal Šimečka, Malik Azmani, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) ***Nru*** XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. ***F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ta' debriefing kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ikun jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.***	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet ***tal-asil*** imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil], flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 769
Juan Ignacio Zoido Álvarez, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil],	2. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rriferuti lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu XY tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċeduri tal-Asil],

flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta’ dan ir-Regolament. F’dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ***ta’ debriefing*** kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta’ għajn, ikun jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta’ eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.

flimkien mal-formola msemmija fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament. F'dik l-okkażjoni, l-awtoritajiet li jwettqu l-iskrinjar għandhom jindikaw fil-formola ***tal-iskrinjar*** kwalunkwe element li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, ikun jidher li huwa rilevanti biex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jiġu rriferuti għall-proċedura ta' eżami aċċellerata jew għall-proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 770
Tomas Tobé, Lena Düpont, Karlo Ressler, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
